KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI
ppreżentati fis-17 ta' Frar 2011 [1]

1. L-appell li huwa s-suġġett ta' dawn il-proċeduri, ippreżentat minn Elf Aquitaine SA (iktar 'il quddiem "Elf Aquitaine" jew ir-"rikorrenti"), huwa indirizzat kontra s-sentenza li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Elf Aquitaine kontra d-deċiżjoni tad-19 ta' Jannar 2005 [2] (iktar 'il quddiem: id-"Deċiżjoni"), li fiha il-Kummissjoni ddikjarat li għadd ta' impriżi, fosthom dik magħmula mir-rikorrenti u mis-sussidjarja tagħha Arkema SA (iktar 'il quddiem "Arkema"), li qabel kienet Elf Atochem SA (iktar 'il quddiem "Elf Atochem") u mbagħad saret Atofina SA (iktar 'il quddiem "Atofina"), kienu kisru l-Artikolu 81(1) KE (li issa sar l-Artikolu 101 TFUE) u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE, għaliex ħadu sehem f'akkordju fis-suq tal-aċidu monokloroaċetiku (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") [3].

I — Il-fatti li wasslu għall-kawża, is-sentenza appellata, il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

2. Skont dak li jirriżulta mill-punti 3 *et seq* tas-sentenza appellata, l-inkjesta tal-Kummissjoni dwar l-akkordju tal-aċidu monokloroaċetiku bdiet fl-aħħar tas-sena 1999, wara d-denunzja ta' kumpannija parteċipanti fl-akkordju. Fl-14 u l-15 ta' Marzu 2000, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet fuq il-post, fosthom fil-bini ta' Elf Atochem. Fis-7 u t-8 ta' April 2004, hija bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil tnax-il kumpannija differenti, fosthom Elf Aquitaine u Atofina (punti 3 sa 5 tas-sentenza appellata).

3. Fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni, filwaqt li ċaħdet l-argumenti tad-difiża ppreżentati minn Elf Aquitaine, sostniet li l-fatt li din tal-aħħar kellha 98 % tal-ishma ta' Atofina kien biżżejjed sabiex tkun imputata bir-responsabbiltà tal-ishma tas-sussidjarja. Din ikkunsidrat ukoll li ċ-ċirkustanza li Elf Aquitaine ma pparteċipatx fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-aċidu monokloroaċetiku, ma tipprekludix li hija tiġi kkunsidrata bħala entità ekonomika waħda mal-unitajiet operattivi l-oħrajn tal-grupp (punti 9 u 12 tas-sentenza appellata). Il-multa imposta fid-Deċiżjoni fuq Elf Aquitaine u Arkema, minħabba fir-responsabbiltà flimkien u *in solidum,* tammonta għal

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — C (2004) 4876 finali, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 (KE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, Każ COMP/E-1/37.773 — AMCA.

3 — Sentenza tat-30 ta' Settembru 2009 (T-174/05, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni).

EUR 45 miljun [l-Artikolu 2(c) tad-Deċiżjoni u l-punt 30 tas-sentenza appellata].

4. Fis-27 ta' April 2005, Elf Aquitaine ppreżentat rikors għal annullament kontra d-Deċiżjoni. B'sostenn għar-rikors, ir-rikorrenti ppreżentat disa' motivi prinċipali, abbażi, rispettivament ta' ksur tad-drittijiet ta' difiża, ta' nuqqas ta' motivazzjoni, ta' kontradizzjonijiet tal-motivazzjoni, ta' ksur tar-regoli li jirregolaw l-imputabbiltà għall-kumpannija parent tal-ksur imwettaq mis-sussidjarja, ta' ksur ta' diversi prinċipji essenzjali li jagħmlu parti integrali mis-sistema ġuridika Komunitarja, ta' ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, ta' ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ta' żnaturament tal-provi u ta' abbuż ta' poter. Ir-rikorrenti ressqet ukoll motiv sussidjarju, abbażi ta' nuqqas ta' koerenza ta' raġunament magħmul mill-Kummissjoni fil-kalkolu tal-multa, u motiv iktar sussidjarju, intiż sabiex titnaqqas il-multa għal livell xieraq. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-aggravji mressqa, kemm dawk prinċipali kif ukoll dawk sussidjarji u kkundannat lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

5. Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Diċembru 2009, ir-rikorrenti appellat mill-imsemmija sentenza. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja, prinċipalment tannulla s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza sabiex jiġu annullati l-Artikoli 1(d), 2(c), 3 u 4(9) tad-Deċiżjoni. Sussidjarjament, ir-rikorrenti talbet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla jew tnaqqas, abbażi tal-Artikolu 261 TFUE, il-multa ta' EUR 45 miljun imposta flimkien u *in solidum* fuq Arkema u Elf Aquitaine abbażi tal-Artikolu 2(c) tad-Deċiżjoni. Fi kwalunkwe każ, hija titlob li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż. Din tal-aħħar talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

6. Ir-rappreżentanti tal-partijiet instemgħu fis-seduta li saret fil-25 ta' Novembru 2010.

II — Analiżi

A — *Fuq l-appell*

7. B'sostenn għall-appell, Elf Aquitaine ressqet 6 aggravji, l-ewwel ħamsa b'mod prinċipali u s-sitt aggravju b'mod sussudjarju.

1. Fuq l-ewwel aggravju

8. Permezz tal-ewwel aggravju, ir-rikorrenti tilmenta li l-Qorti Ġenerali ma ttrattatx il-konsegwenzi neċessarji tan-natura kriminali tal-multi imposti b'applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE. Din in-natura kellha twassal lill-qorti fl-ewwel istanza biex tapplika b'mod sħiħ il-prinċipji ta' personalità tar-responsabbiltà kriminali, tal-piena u tal-preżunzjoni tal-innoċenza, imsemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB") [4]. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat dawn il-prinċipji biss għal entità nieqsa minn personalità ġuridika, l-impriża Atofina/Elf Aquitaine, u mhux lill-kumpanniji li, fl-opinjoni tagħha, kienu l-uniċi suġġetti tad-dritt. Dan l-approċċ kellu fil-każ inkwistjoni jġiegħel lill-Qorti Ġenerali biex, minn naħa tiċħad lir-rikorrenti l-benefiċċju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, u ma timplikahiex fl-inkjesta preliminari, u, min-naħa l-oħra, teskludiha mill-applikazzjoni tal-prinċipji ta' individwalità tar-responsabbiltà kriminali u tal-pieni, filwaqt li tiċħad l-elementi mressqa minnha biex turi li hija għal kollox estranea mill-ksur kif ukoll biex turi l-awtonomija tal-azzjonijiet tagħha fis-suq tas-sussidjarja tagħha. Il-Kummissjoni tosserva, b'mod preliminari, li l-kwistjoni tan-natura tal-multi imposti għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, li dwarhom il-Qorti tal-Ġustizzja sa issa għadha ma ħaditx pożizzjoni b'mod espliċitu, tista', fil-kawża inkwistjoni, titħalla miftuħa, peress li d-drittijiet li jirriżultaw minn din il-kwalifikazzjoni, id-drittijiet tad-difiża u tal-preżunzjoni tal-innoċenza, huma rikonoxxuti u ggarantiti mill-ġurisprudenza.

9. Bħall-Kummissjoni, insostni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex obbligata, fil-każ inkwistjoni, li tieħu espressament pożizzjoni dwar il-kwistjoni tan-natura tal-multi imposti għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, li nfakkar li huma espressament ikkwalifikati bħala mhux kriminali fl-Artikolu 23(5) tar-Regolament 1/2003 [5]. Fil-fatt, permezz tal-ewwel aggravju, ir-rikorrenti ma tikkontestax li l-Qorti Ġenerali nnegat in-natura kriminali ta' din il-multa, iżda li kisret id-drittijiet fundamentali li hija għandha bħala persuna ġuridika responsabbli għall-ksur ta' sanzjonijiet, li fl-opinjoni tagħha għandhom natura kriminali. Huwa importanti li l-ilmenti mressqa minn Elf Aquitaine fil-kuntest ta' dan l-aggravju jikkoinċidu kunsiderevolment ma' dawk imressqa fl-aggravji l-oħra tagħha u,

4 — Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

5 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205). Ninnota li, abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-kwalifikazzjoni ta' sanzjoni bħala mhux kriminali fis-sistema legali ta' Stat kontraenti, ma teskludix li din is-sanzjoni tkun rikonoxxuta bħala kriminali għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-KEDB (ara l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tat-8 ta' Ġunju 1976, Engel *et*, Serje A, Nru 22). Mingħajr ma nkompli nagħmel analiżi fuq dan il-punt, nosserva li, fid-dawl tal-ġurisprudenza jidher improbabbli li s-sanzjonijiet ibbażati fuq ir-Regolament Nru 1/2003 jista' ma jkollhomx natura kriminali fis-sens tal-Konvenzjoni.

partikolarment, fit-tieni aggravju, li permezz tiegħu qed tilmenta li kien hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża peress li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet u ċaħdet lir-rikorrenti d-dritt għal koinvolġiment fl-investigazzjoni preliminari, u fil-ħames aggravju, fejn ġie allegat ksur tal-prinċipji ta' individwalità tar-responsabbiltà kriminali u tal-pieni u ta' preżunzjoni tal-innoċenza li tirriżulta min-natura tal-fatt insuperabbli tal-preżunzjoni li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi r-responsabilità ta' Elf Aquitaine għall-azzjonijiet ta' Atofina. Jirriżulta li l-ewwel aggravju mhux għal kollox awtonomu, peress li jikkonċerna l-allegazzjoni skont liema, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod ħażin id-drittijiet fundamentali allegati mir-rikorrenti lill-impriża magħmula minn Elf Aquitaine u mis-sussidjarja tagħha u mhux biss lir-rikorrenti. Anki din l-allegazzjoni hija intenzjonata, kif se jirriżulta iktar tard, biex turi ksur sostanzjali ta' dawn id-drittijiet u hija ripetuta f'partijiet differenti tal-appell.

10. Abbażi ta' dak espost iktar 'il fuq, inħoss li l-ewwel aggravju ma jirrikjedix analiżi distinta, b'mod partikolari, minn dak tat-tieni u tal-ħames aggravju. L-ilmenti mressqa fil-kuntest ta' dawn iż-żewġ aggravji se jiġu eżaminati billi nassumu bħala korrett il-punt tat-tluq li fuqu qed tibbaża ruħha r-rikorrenti, jiġifieri li s-sanzjonijiet għall-ksur tar-regoli tal-Unjoni fil-kamp tal-kompetizzjoni huma ta' natura kriminali.

2. Fuq it-tieni aggravju, dwar il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti

11. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, Elf Aquitaine tallega li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża peress li interpretat b'mod żbaljat il-prinċipji ta' ekwità u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet. Dan l-aggravju huwa magħmul minn żewġ partijiet.

a) Fuq l-ewwel parti

12. L-ewwel nett, ir-rikorrenti tikkontesta li l-Qorti Ġenerali ma ggarantietx il-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża tagħha anki fil-fażi tal-proċeduri preliminari, qabel ma tressqet id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet. F'din il-fażi tal-proċedura amministrattiva, ir-rikorrenti mhux biss ma kinitx mismugħa mill-Kummissjoni, iżda saħansitra ma kinitx informata b'dak li kien qiegħed jiġi ssuspettat fil-konfront tagħha. Fil-kawża preżenti, skont ir-rikorrenti, ir-rispett għal dawn il-ħtiġijiet kienu jaqgħu ħafna iktar fuqha peress li ma ħaditx sehem fil-ksur u lanqas kienet taf bih. Barra minn hekk, il-fatt li kienet informata tard (fl-istadju tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet) bl-eżistenza ta' investigazzjoni fil-konfront tagħha, ma ppermettilhiex tieħu l-passi neċessarji u tagħmel id-difiża tagħha, partikolarment għal dak li jirrigwarda l-konservazzjoni tal-provi eventwali maħsuba sabiex juru l-awtonomija tas-sussidjarja tagħha fis-suq. Limitu fuq l-eżerċitar tad-drittijiet tad-difiża għall-fażi suċċessiva biss tat-tressiq tad-dikjarazzjoni ta'

oġġezzjonijiet tmur kontra n-natura kriminali tas-sanzjonijiet imposti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE. Fir-replika, ir-rikorrenti tirreferi, b'mod partikolari, b'sostenn għall-argumenti tagħha għall-"Best Practices on the Conduct of Proceedings concerning Articles 101 and 102 TFEU" tal-Kummissjoni, ippubblikati f'Jannar 2010 (iktar 'il quddiem il-"Best Practices)".

13. L-eżami ta' dan l-ilment jirrikjedi, l-ewwel nett, li jkun stabbilit jekk, u f'liema limiti, bil-ħsieb li jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża tal-impriżi involuti fi proċeduri għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni hija obbligata anki fl-istadju distint tal-investigazzjoni preliminari, jiġifieri qabel ma titressaq id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, li tinforma lil dawn l-impriżi dwar is-suspetti fil-konfront tagħhom.

14. F'dan ir-rigward infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-drittijiet tad-difiża fi kwalunkwe proċedura li tista' tiġi konkluża permezz tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet, partikolarment multi jew penalitajiet oħra, bħal dawk stipulati fir-Regolament Nru 1/2003, huma drittijiet fundamentali li huma parti integrali tal-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiggarantixxi r-rispett tagħhom [6]. Għandna niftakru wkoll li l-proċedura amministrattiva fis-sens tar-Regolament Nru 1/2003, li qed tiżvolġi quddiem il-Kummissjoni, hija maqsuma f'żewġ fażijiet distinti u suċċessivi għal xulxin li jirrispondu għal-loġika interna tagħhom. L-ewwel fażi, estiza sad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, għandha bħala punt tat-tluq id-data meta l-Kummissjoni, fl-eżerċitar tal-poteri mogħtija lilha mir-Regolament Nru 1/2003 fl-ambitu tal-investigazzjoni preliminari, tadotta miżuri li jimplikaw l-akkuża li ġie mwettaq ksur u li jiddeterminaw konsegwenzi importanti fuq is-sitwazzjoni tal-impriżi ssuspettati. Din il-fażi għandha tippermetti lill-Kummissjoni, wara l-iżvolġiment tal-investigazzjoni, li tieħu pożizzjoni dwar il-proċeduri suċċessivi. It-tieni fażi tkompli mid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet sal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali. Din għandha tippermetti lill-Kummissjoni tippronunċja ruħha b'mod definittiv dwar l-allegat ksur [7]. Huwa biss fil-bidu tat-tieni fażi li l-impriża kkonċernata għandha tkun informata, permezz tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, dwar l-elementi essenzjali kollha li tibbaża fuqhom il-Kummissjoni u għandha tiddisponi mid-dritt għall-aċċess għall-fajl [8]. Skont dak ippreċiżat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Dalmine, l-impriża kkonċernata tista' tuża *b'mod sħiħ* id-drittijiet tad-difiża biss wara t-tressiq tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni [9] u huma proprju t-tressiq tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet u l-aċċess għall-fajl li jiggarantixxu dawn

6 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 64), u tat-8 ta' Frar 2007, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (C-3/06 P, Ġabra p. I-1331, punt 68).

7 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (minn C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punti 181 sa 183) u tal-21 ta' Settembru 2006, Nederlandse Federatieve Vereniging vorr de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni (C-105/04 P, Ġabra p. I-8725, punt 38).

8 — Ara, f'dan is-sens, sentenzi Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punti 315 u 316), u Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123 (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 66 u 67).

9 — Ara s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Dalmine vs Il-Kummissjoni (C-407/04 P, Ġabra p. I-829, punt 59).

id-drittijiet u d-dritt għal smigħ xieraq [10]. Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li jekk id-drittijiet tad-difiża tal-impriżi jkunu estiżi għall-fażi qabel it-tressiq tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, "l-effikaċità ta' l-investigazzjoni tal-Kummissjoni tkun kompromessa, peress li l-impriża tkun, diġà matul l-ewwel fażi ta' l-investigazzjoni tal-Kummissjoni, f'pożizzjoni li tidentifika l-informazzjoni li hija magħrufa lill-Kummissjoni u, b'hekk, dik li tista' xorta tiġi moħbija minnha" [11].

15. Fil-kawża inkwistjoni, ir-rikorrenti tilmenta li l-Qorti Ġenerali ma rrikonoxxietx li l-Kummissjoni hija obbligata tinfurmaha, wara l-investigazzjoni preliminari, dwar l-eżistenza ta' suspetti fil-konfront tagħha. L-obbligu li r-rikorrenti tilmenta dwaru huwa ta' natura iktar ġenerali fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' elementi individwali ta' provi miġbura matul l-investigazzjoni u jikkonsisti fl-informazzjoni relatata mal-ksur allegat suġġett tal-inkjesta.

16. Il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ppronunżjatx ruħha espressament dwar il-mertu tal-eżistenza ta' dan l-obbligu. Il-ġurisprudenza tagħha madankollu toffri punti ta' analiżi. Fis-sentenza Hoechst vs Il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tafferma li, fl-iżvolġiment tal-funzjonijiet tagħha huwa neċessarju li jiġi evitat li d-drittijiet tad-difiża "jiġu kompromessi b'mod irrimedjabbli fil-kuntest ta' proċeduri ta' investigazzjoni preliminari, b'mod partikolari l-investigazzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, li jistgħu jkunu ta' natura determinanti għall-istabbiliment ta' provi tan-natura illegali ta' l-aġir ta' l-impriżi li jistgħu jistabbilixxu r-responsabbiltà tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [12]. Jirriżulta, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li anki jekk ftit minn dawn id-drittijiet tad-difiża jirrigwardaw biss proċeduri kontradittorji wara d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni, drittijiet oħrajn, pereżempju dak li jirreferi għall-assistenza legali u dak dwar ir-rispett tal-privatezza tal-korrispondenza bejn l-avukat u l-klijent [13], jew saħansitra d-dritt li ma jixħdux kontrihom infushom [14], għandhom ikunu rrispettati mill-fażi tal-investigazzjoni preliminari. Dwar il-prinċipju ta' rispett ta' żmien raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li żmien eċċessiv tal-investigazzjoni preliminari jista' jinfluwenza l-possibbiltà futura tad-difiża tal-impriżi kkonċernati, u b'mod partikolari jostakola l-ġbir ta' provi sabiex tkun iċċarata l-eżistenza ta' azzjonijiet idonei li juru r-responsabbiltà tal-impriżi kkonċernati u li "[g]ħal din ir-raġuni eżami ta' eventwali ostakolu għall-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża m'għandux ikun limitat għall-fażi stess li fiha dawn id-drittijiet ikollhom l-effett sħiħ tagħhom, jiġifieri

10 — *Ibidem*, punt 58.

11 — *Ibidem*, punt 60. Din l-affermazzjoni għandha tkun ikkunsidrata fil-kuntest tal-ilment imressaq minn Dalmine, li tikkontesta li ma kinitx informata, qabel ma ġiet imressqa d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni, dwar il-fatt li l-Kummissjoni kienet tiddisponi minn rapporti bil-miktub magħmula matul l-investigazzjoni li saru fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri kriminali nazzjonali u li kkontestat l-ammissibbiltà tagħhom bħala elementi ta' prova fil-proċeduri miftuħa mill-Kummissjoni (punti 54 - 55 u 60). Ilment simili, dwar in-nuqqas ta' komunikazzjoni, fil-fażi ta' qabel it-tressiq tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni, ta' dawn l-elementi ta' prova użati mill-Kummissjoni fil-fażi suċċessiva tal-proċeduri, kienet miċħuda mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni (T-99/04, Ġabra p. II-1501, punt 49).

12 — Sentenza tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst vs Il-Kummissjoni (46/87 u 227/88, Ġabra p. 2859, punt 15). Dan il-prinċipju kien ikkonfermat fis-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63.

13 — Rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz tas-sentenza tat-18 ta' Mejju 1982, AM & S vs Il-Kummissjoni (155/79, Ġabra p. 1575).

14 — Ara s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 1989, Orkem vs Il-Kummissjoni (374/87, Ġabra p. 3283).

t-tieni fażi tal-proċedura amministrattiva. L-evalwazzjoni tas-sors ta' l-eventwali tnaqqis ta' l-effikaċja tad-drittijiet tad-difiża għandha tiġi estiża għal din il-proċedura kollha billi tirreferi għat-tul taż-żmien totali tagħha" [15].

17. Fis-sentenza AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, li tirreferi għaliha r-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali sostniet il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-paragrafu preċedenti applikabbli b'analoġija għall-kawża inkwistjoni. B'mod partikolari, skont il-Qorti Ġenerali, anki jekk, "minn perspettiva formali, l-impriża kkonċernata m'għandhiex status ta' 'akkużata' matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, il-ftuħ tal-investigazzjoni kontriha, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' miżura istruttorja li tikkonċernha, ma jistax, bħala regola ġenerali, jiġi disassoċjat, minn perspettiva materjali, mill-eżistenza ta' suspett u, għaldaqstant, ta' akkuża impliċita [...], li tiġġustifika l-adozzjoni ta' din il-miżura" [16] Jirriżulta, dejjem skont il-Qorti Ġenerali, li l-Kummissjoni hija obbligata tipprovdi lill-impriża kkonċernata, mill-istadju tal-fażi tal-investigazzjoni preliminari, ċerti elementi ta' informazzjoni dwar is-suġġett u l-iskop tal-investigazzjoni. Din il-konklużjoni tidher konvinċenti. Minbarra li turi ċ-ċentralità tar-rwol rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja għad-drittijiet tad-difiża fil-kuntest tal-proċeduri li jistgħu jirriżultaw fl-impożizzjoni ta' sanzjoni [17], din tikkostitwixxi l-iżvilupp loġiku hekk kif ġie diġà affermat mill-istess Qorti tal-Ġustizzja dwar il-ħtieġa li jkun iggarantit ir-rispett ta' dawn id-drittijiet anki matul il-fażi tal-investigazzjoni preliminari dwar il-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

18. Dwar il-portata tal-obbligu msemmi hawn fuq, fl-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali tafferma li l-Kummissjoni hija obbligata "tinforma lill-impriża kkonċernata fl-istadju tal-*ewwel miżura adottata kontriha*, [...] b'mod partikolari, bis-suġġett u bl-għan tal-investigazzjoni għaddejja", mingħajr ma tagħmel differenza skont jekk tirrigwardax talbiet għal informazzjoni — informali (pereżempju l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 17/62, li llum sar l-Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003) jew permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjoni (pereżempju l-Artikolu 11(5) tar-Regolament Nru 17/62, li llum sar l-Artikolu 18(1) u (3) tar-Regolament Nru 1/2003) — jiġifieri deċiżjonijiet ta' investigazzjoni (skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament 17/62, li llum sar l-Artikolu 20 tar-Regolament 1/2003) [18]. Kif turi tajjeb il-Kummissjoni fir-rekords tagħha, fis-sentenza AC-Treuhand, għalhekk, l-obbligu li tkun infurmata l-impriża kkonċernata (jew il-

15 — Ara s-sentenza Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punti 49 u 50).

16 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 52.

17 — Ara pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, Papierfabrik August Koehler vs Il-Kummissjoni (C-322/07 P u C-327/07 u C-338/07 P, Ġabra p. I-7191, punti 34 u 37 *et seq)*.

18 — Iċċitata iktar 'il fuq, punti 53 sa 56. Il-korsiv huwa miżjud minni.

persuni legali li hija komposta minnhom din tal-aħħar) kien iddikjarat li jeżisti *mill-adozzjoni fil-konfront tagħha ta' waħda minn dawn il-miżuri ta' istruzzjonijiet stipulati fir-Regolament Nru 1/2003.* Fil-fatt, b'mod korrispondenti għal dan l-att, il-kontestazzjoni, anki jekk impliċita, ta' ksur hija għall-ewwel darba mressqa kontra l-impriża kkonċernata u din tal-aħħar, biex ma tassumix l-istat ta' "akkużata", terġa' tħoss l-effetti ta' din l-imputazzjoni.

19. B'mod kuntrarju għal dak li qed issostni r-rikorrenti, din il-konklużjoni tidher perfettament kompatibbli mal-eżiġenzi tal-Artikolu 6 KEDB. Abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-kunċett ta' "akkuża fi kwistjoni kriminali", li jidher fl-Artikolu 6(1) KEDB huwa awtonomu [19]. Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-imsemmija qorti, relatata b'mod partikolari għall-perijodu taż-żmien tal-proċeduri, li l-garanziji indikati fl-Artikolu 6 KEDB jiġu applikati fl-ambitu kriminali mill-mument meta persuna tkun uffiċjalment "akkużata" [20]. Dan il-kunċett jirriferi għan-notifika uffiċjali min-naħa tal-awtorità kompetenti dwar il-ksur kriminali kkontestat [21]. B'konsegwenza għar-rwol fundamentali li għandu d-dritt għal smigħ xieraq f'soċjetà demokratika [22], il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem għażlet li tagħti definizzjoni "materjali" u mhux "formali" għall-kunċett ta' "akkuża" [23]. Indipendentement mil-lat formali, din tindaga r-realtà tal-proċeduri li tkun qed tisma' u tiffissa d-data li minnha jibdew japplikaw il-garanziji tal-proċess xieraq skont l-adozzjoni min-naħa tal-awtorità ta' atti idonei li jagħtu lok għal "riperkussjonijiet importanti għas-sitwazzjoni tas-suspettat" [24], bħal pereżempju, perkwiżizzjoni [25].

20. Fil-każ inkwistjoni, Elf Aquitaine ma għamlet l-ebda miżura ta' struzzjoni fit-tliet

19 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tas-27 ta' Frar 1980, Deweer vs Il-Belġju, Serje A, Nru 35, punt 42.

20 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tas-27 ta' Ġunju 1968, Neumeister vs L-Awstrija, Serje A, Nru 8, punt 18.

21 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Deweer vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq, punti 42 u 47; tal-15 ta' Lulju 1982, Eckle vs Il-Ġermanja, Serja A, Nru 51, punt 73 u tal-21 ta' Mejju 2003, Janosevic vs L-Isvezja, Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet 2002-VII, punt 91, fejn it-terminu *ad quem*, għall-finijiet tal-kalkolu taż-żmien tal-proċeduri, reġa' beda mill-mument li fih l-amministrazzjoni fiskali nnotifikat lis-suġġett tal-konstatazzjoni fiskali dwar il-parti l-kbira tat-taxxa dovuta (fl-istess sens, ara s-sentenza tal-21 ta' Mejju 2003, Västberga Taxi Aktiebolag u Vulic vs L-Isvezja, punt 103).

22 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tad-9 ta' Ottubru 1979, Airey vs L-Irlanda, Serje A, Nru 32 p 24.

23 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Deweer vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42.

24 — Ara l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem Eckle vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 73. F'din is-sentenza, meta l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iffissat perijodu *ad quem* biex jiġi ddeterminat iż-żmien tal-proċeduri, eskludiet li dan jikkoinċidi, min-naħa mas-sottomissjoni tal-ilment, peress li din, għalkemm tat lok għall-bidu tal-ewwel investigazzjoni preliminari, wara arkivjata, "ma ddeterminatx il-miżuri ta' istruzzjoni", u min-naħa l-oħra, mal-bidu tat-tieni investigazzjoni preliminari, mibdija "bis-smigħ ta' għadd ta' xhieda, interrogati fuq l-akkużi formultai kontra s-Sur Eckle". Peress li ma setgħetx tiddetermina "minn meta dawk interessati [il-konjuġi Eckle] [kienu] b'mod uffiċjali mgħarrfa bl-investigazzjoni u ħassew l-effetti tagħhom", il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iffissat żmien suċċessiv (ta' madwar sena) mill-bidu tal-ewwel investigazzjoni preliminari.

25 — Ara l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Eckle vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq. Fis-sentenza Deewer, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għall-kuntrarju ċaħdet li tiġi integrata l-akkuża skont l-Artikolu 6(1) KEDB tal-ispezzjoni magħmula fil-lokali kummerċjali tar-rikorrent, peress li dan jidħol fil-kontrolli ordinarji biex jiġi kkonfermat li qegħdin jiġu rrispettati l-liġijiet.

snin li għaddew bejn l-ewwel talba għall-informazzjoni dwar is-sussidjarja tagħha Elf Atochem u s-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet [26]. Il-kontestazzjonijiet ippreżentati fil-konfront tagħha kienu għalhekk uffiċjalment formalizzati biss fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet. Min-naħa l-oħra, huwa veru li, bħalma ġie affermat mill-Kummissjoni matul is-seduta, ir-responsabbiltà tar-rikorrenti, li ma hijiex ibbażata fuq parteċipazzjoni diretta għall-ftehim, kienet involuta biss f'fażi iktar tard tal-investigazzjoni preliminari, fil-mument meta l-Kummissjoni kellha tidentifika, biex tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni, l-entitajiet li, fl-opinjoni tagħha, ħadu sehem fil-ksur [27]. Għalhekk huwa biss wara d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet li jista' jiġi kkunsidrat li kienet ifformulata fil-konfront tar-rikorrenti "akkuża ta' kwistjoni kriminali" skont l-Artikolu 6 KEDB — li tippresupponi l-ħtieġa li dawn għandhom jiddefinixxu l-kontestazzjonijiet ta' ksur tar-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni (ara l-paragrafu 10 iktar 'il fuq) — u li l-garanziji pprovduti minn dan l-artikolu kienu applikabbli għaliha.

21. Fir-replika u fis-seduta, Elf Aquitaine irreferiet speċifikament għall-Artikolu 6(3)(a) KEDB, li abbażi tagħha kull akkużat għandu d-dritt "li jkun informat, fl-inqas żmien possibli, fl-lingwa li huwa jaf u b'mod dettaljat, tan-natura u r-raġunijiet tal-akkużi mressqa kontrih". Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-garanziji maħsuba minn din id-dispożizzjoni jirrappreżentaw aspett partikolari tad-dritt għal smigħ xieraq, iggarantit b'mod ġenerali mill-ewwel subartikolu ta' dan l-artikolu, u li huma applikabbli mill-mument li l-persuna tassumi l-istat ta' "akkużat", kunċett intenzjonat, skont il-Konvenzjoni, bħala riferiment għal sitwazzjoni materjali u mhux biss formali [28]. F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza indikata fir-replika tar-rikorrenti ma tidhirx li hija rilevanti għall-każ inkwistjoni. Fis-sentenza Salduz, kien ikkontestat ksur tal-Artikolu 6(3)(c) KEDB għall-fatt li r-rikorrenti kien imċaħħad mid-dritt li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt li kien arrestat mill-pulizija. Il-punti 50 *et seq*, partikolarment il-punt 54 tal-istess sentenza, iċċitati speċifikament mir-rikorrenti, jirreferu għal sitwazzjoni ta' persuna li kienet is-suġġett ta' miżura ta' prekawzjoni — li għalhekk kellha l-istat ta' akkużat — suġġetta għal interrogazzjonijiet

26 — Din iċ-ċirkustanza ma kinitx invokata mir-rikorrenti la matul il-proċeduri amministrattivi u lanqas quddiem il-Qorti Ġenerali biex turi li seta' kien hemm nuqqas istruttorju.

27 — Ir-rikorrenti tgħid illi hija kienet l-unika kumpannija parent involuta fil-ksur li kienet informata biss fl-istadju tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni u ssemmi, bħala eżempju, lil Akzo Nobel NV. Madankollu, din tal-aħħar, kif tfakkar ir-rikorrenti stess, ippreżentat l-oġġezzjoni tagħha matul l-investigazzjoni preliminari (f'dak il-każ talba għall-informazzjoni).

28 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tas-27 ta' April 2006, Casse vs Il-Lussemburgu, punti 29 sa 33, u 71 u 72. F'din is-sentenza, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet li r-rikorrent għandu jkun ikkunsidrat bħala "akkużat" għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(3)(1) KEDB meta tkun ordnata t-tfittxija fil-banek li kien jaħdem magħhom, peress li huwa f'dan il-mument li hemm "ġabra ta' provi konkordanti" li jindikaw b'mod mhux ambigwu l-kwalità tiegħu ta' "suspettat" (ara punt 33).

tal-pulizija fl-assenza ta' avukat [29]. Is-sentenza Dayann hija dwar sitwazzjoni analoga [30].

22. Inkwantu għall-argument ta' Elf Aquitaine dwar il-Best Practices, huwa biżżejjed li jkun osservat li dawn jindikaw, filwaqt li jirreferu għas-sentenza tal Qorti Ġenerali, AC-Treuhand, li l-impriżi huma informati bil-fatt li jikkostitwixxu s-suġġett ta' investigazzjoni preliminari u tas-suġġett u l-iskop tal-istess "fil-mument tal-ewwel miżura investigattiva meħuda fil-konfront tagħhom" [31]. Fi kwalunkwe każ, fil-paragrafu 5 tal-Best Practices, il-Kummissjoni tiċċara li dawn "jirriflettu l-pożizzjoni tad-DĠ għall-Kompetizzjoni […] fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tagħhom u għandhom ikunu applikati mid-data tal-publikazzjoni tagħhom għall-proċeduri pendenti u dawk futuri". In-nota ta' qiegħ il-paġna 10 tippreċiża ulterjorment li, "fir-rigward tal-proċeduri mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-Best Practices, dawn tal-aħħar se jkunu applikati fil-fażi tal-proċeduri pendenti u mhux għal dawk li diġà ġew finalizzati". Għalhekk, il-Best Practices ma humiex applikabbli *ratione temporis* għall-proċeduri li saru għall-implementazzjoni tad-Deċiżjoni.

23. Elf Aquitaine tafferma, fl-aħħar nett, li l-fatt li ma kinitx infurmata fil-fażi tal-investigazzjoni preliminari dwar is-suspetti li kien hemm dwarha kellu inċidenza negattiva fuq l-eżerċitar tad-drittijiet tad-difiża tagħha fil-fażi kuntradittorja suċċessiva tal-proċeduri. F'dan ir-rigward, ninnota, kif tagħmel il-Kummissjoni, li f'kull każ tali allegazzjoni tillimita ruħha għal riferiment ġeneriku għall-qerda possibbli ta' provi eventwali li għandhom l-għan li juru l-awtonomija tas-sussidjarja tagħha fis-suq u li ma hija sostnuta minn l-ebda element ta' prova.

24. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-ewwel parti tat-tieni aggravju mressaq mir-rikorrenti, fl-opinjoni tiegħi, għandu jiġi miċħud.

29 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tas-27 ta' Novembru 2008, Salduz vs It-Turkija. Ara t-test sħiħ tal-punti 54 u 62 ta' din is-sentenza, li partijiet biss minnhom ġew ippreżentati fl-appell.

30 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tat-13 ta' Ottubru 2009, Dayanan vs It-Turkija, punti 31 *et seq*, indikati mir-rikorrenti.

31 — Ara l-paragrafu 14. Il-punti l-oħra tal-Best Practices imsemmija mir-rikorrenti jirrigwardaw il-possibblità tal-Kummissjoni li torganizza laqgħat informali mal-partijiet waqt il-fażi tal-investigazzjoni (paragrafu 38), dawk magħrufa bħala "State of Play Meetings" (paragrafi 54 sa 60), laqgħat bejn tliet partijiet u laqgħat mal-Kummissarju jew id-Direttur Ġenerali (paragrafi 61 sa 64), kif ukoll l-aċċess għal verżjoni mhux kunfidenzjali tad-denunzja. Anki indipendentement minn dak rilevat li, fil-verżjoni attwali tal-Best Practices, kif ukoll li d-dispożizzjonijiet dwar "l-iState ofPplay Meetings" ma humiex applikabbli għall-proċeduri relattivi għal akkordji (ara l-paragrafu 60), tirriżulta mill-qari ta' dawn il-paragrafi, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel, safejn ikun possibbli, investigazzjoni miftuħa u trasparenti, iżda mhux li timpenja ruħha formalment, li twettaq f'kull inkjesta l-inizjattivi differenti deskritti fihom.

b) Fuq it-tieni parti

25. Fil-kuntest ta' din il-parti, ir-rikorrenti ssostni, l-ewwel nett, li filwaqt li tapprova r-rikors għal preżunzjoni ta' responsabbiltà li ppermetta lill-Kummissjoni tillimita ruħha għal dikjarazzjoni tad-detenzjoni minn Elf

Aquitaine ta' parteċipazzjoni kważi totali fil-kapital tas-sussidjarja tagħha u abbandunat kull att ieħor ta' investigazzjoni fil-konfront tagħha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-ħtieġa ta' investigazzjoni imparzjali, fejn il-provi jkunu miġbura biss mill-awtorità kompetenti kemm kontra u kemm favur l-impriżi ssuspettati li wettqu ksur. F'dan ir-rigward, biżżejjed li jkun osservat li l-funzjoni ta' preżunzjoni hija biss dik li tippermetti lil min huwa obbligat jipprova fatt li juri l-innoċenza tiegħu billi jippreżenta prova ta' prerekwiżit li fuqha hija bbażata l-preżunzjoni (fil-kawża inkwisjoni, il-parteċipazzjoni totali jew kważi-totali tal-kumpannija parent fil-kapital tas-sussisdjarja tagħha). L-affermazzjoni li r-rikors għal preżunzjoni huwa inkompatibbli mal-ħtiġijiet ta' investigazzjoni mwettqa b'mod imparzjali, peress li tippermetti lill-awtorità kompetenti tastjeni mit-tfittxija għal elementi ta' prova ulterjuri favur jew kontra, essenzjalment tfisser iċ-ċaħda, bħala prinċipju, tal-ammissibbiltà tagħha stess. L-argumenti mressqa mir-rikorrenti jibqgħu assorbiti mill-ħames aggravju, li permezz tiegħu hija tikkontesta l-leġittimità tal-preżunzjoni li l-Kummissjoni għamlet fil-konfront tagħha.

26. It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li l-imparzjalità tal-investigazzjoni magħmula mill-Kummissjoni hija kompromessa mill-fatt li din l-istituzzjoni tikkonċentra l-poteri ta' struzzjoni, ta' akkuża u ta' deċiżjoni, inkompatibbli man-natura kriminali tas-sanzjonijiet imposti minħabba ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni. Fl-opinjoni tar-rikorrenti, id-dħul fis-seħħ tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem — li l-Artikolu 41 tagħha jafferma l-ħtieġa ta' proċedura amministrattiva imparzjali — għandha twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja biex temenda l-ġurisprudenza tagħha f'dan ir-rigward, bil-għan li tikkunsidra l-ġurisprudenza iktar protettiva tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fir-rigward ta' dak li qalet il-Kummissjoni, jiġifieri li dan il-kunċett ġdid u għalhekk l-inammissibbiltà ta' dan l-argument, ir-rikorrenti twieġeb li dan sempliċement ifisser twessigħ tal-motivi mressqa fl-ewwel istanza.

27. F'dan ir-rigward, nosserva li dan l-argument iqajjem kwistjoni legali dwar il-mertu tal-kontroversja mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, li ma kinitx ittrattata fis-sentenza appellata u ma kinitx suġġett ta' dibattitu bejn il-partijiet f'ebda fażi tal-proċeduri fl-ewwel istanza. Din la kienet espressament imressqa mir-rikorrenti fir-rikors u lanqas fir-replika jew f'ebda osservazzjoni oħra bil-miktub iddepożitata f'din il-proċedura; skont il-minuti tas-seduta li żvolġiet quddiem il-Qorti Ġenerali, lanqas ma jirriżulta li din il-kwistjoni kienet imressqa f'dak l-istadju. Nosserva barra minn hekk li dan l-argument ma għandu x'jaqsam fil-mertu ma' ebda punt tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata, b'differenza għall-ilment analizzat fil-paragrafi 13 sa 24 iktar 'il fuq, li, mingħajr ma kien imressaq fl-ewwel istanza, joriġina minn għadd ta' affermazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, indikati, b'mod partikolari, fil-punt 64 tas-sentenza appellata u konsegwentement huwa ammissibbli. Fl-aħħar, kuntrarjament għal dak sostnut mir-rikorrenti, ma naħsibx li dan l-argument għandu jiġi kkunsidrat bħala żvilupp tal-aggravji diġà diskussi fl-ewwel istanza, peress

li jippreżenta lill-Qorti tal-Ġustizzja kwistjoni ta' dritt distinta minn dawk trattati fil-kuntest ta' dawn l-aggravji [32].

28. Fir-rwol tagħha ta' qorti tal-kassazzjoni, huwa l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistħarreġ, fil-limiti tal-kompetenza tagħha fil-kamp tal-appell, il-mod li bih il-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ ġurisidizzjonali tagħha skont l-aggravji u l-argumenti li tressqu quddiemha. Għall-kuntrarju ma huwiex l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tilmenta lill-qorti fl-ewwel istanza li ma ddeċidietx dwar aggravju li ma kienx imressaq mill-partijiet, sakemm ma kellhiex tressqu *ex officio*. Ma naħsibx li fil-kawża inkwistjoni seħħet din l-ipoteżi. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mressqa mill-Kummissjoni għandha tintlaqa'.

29. Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin, dwar l-argument imressaq minn Elf Aquitaine, huma magħmula b'mod sussidjarju, f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja, għall-kuntrarju ta' dak li qed nipproponi, tikkunsidrah ammissibbli.

30. Kif enfasizzat diversi drabi l-Kummissjoni fin-noti tagħha, fis-sentenza Jussila, deċiża mill-Grand Chambre, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonfermat dak li diġà seta' jiġi dedott minn ċerti sentenzi preċedenti, jiġifieri, fl-ambitu tal-proċeduri li jwasslu għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet li għandhom ikunu meqjusa bħala kriminali abbażi tal-Artikolu 6 KEDB, tista' ssir distinzjoni bejn il-proċeduri (u s-sanzjonijiet) li jidħlu f'dak magħruf bħala "l-għadma iebsa" tad-dritt kriminali u dawk li għall-kuntrarju jinsabu barra minn dan [33]. Fil-punt 43 ta' din is-sentenza, wara li kien irrilevat li l-adozzjoni ta' kunċett awtonomu ta' "akkuża fi kwistjoni kriminali" iddeteriminat estensjoni progressiva fl-ambitu kriminali tal-Artikolu 6 KEDB għal setturi li "ma jaqgħux formalment taħt il-kategoriji tradizzjonali tad-dritt kriminali", jiġifieri s-"sanzjonijiet pekunjarji imposti għall-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni" [34], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sostniet li, f'dawn is-setturi, il-garanziji mogħtija

32 — Kwistjoni li timplika eċċezzjoni ta' illeġittimità tar-Regolament Nru 1/2003.

33 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tat-23 ta' Novembru 2006, Jussila vs Il-Finlandja. Il-mistoqsija mressqa quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 6 KEDB tan-nuqqas ta' seduta fil-proċedura ta' appell kontra żieda fiskali imposta mill-awtorità fiskali Finlandiża.

34 — Il-lista ppreżentata bħala eżempju fil-punt 43 tas-sentenza Jussila tinkludi wkoll il-kontravvenzjonijiet amministrattivi, is-sanzjonijiet dixxiplinari abbażi tad-dritt kriminali u l-multi imposti minn ġurisdizzjonijiet finanzjarji. Il-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bnidem ippronunzjat ruħha favur in-natura kriminali tas-sanzjonijiet imposti mill-Conseil de la concurrence Franċiż għall-ksur tar-regoli nazzjonali għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni fil-każ Société Stenuit vs Franza, li ġiet imħassra mir-reġistru tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem permezz tas-sentenza tas-27 ta' Frar 1992. Għal opinjoni kuntrarja għall-estensjoni tal-eċċezzjoni indikata fil-punt 43 tas-sentenza Jussila fil-proċeduri Komunitarji tal-ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni, ara Slater, Thomas, Waelbroec, "Competition Law Proceedings before the European Commission and the Right to a fair Trial: no need to refom?", f'*The Global Competition Law Centre Working Papers Series*, 04/08, p. 27.

minn dan l-artikolu "ma għandhomx ikunu applikati neċessarjament bis-saħħa kollha tagħhom" [35]. Dan l-approċċ kien digà jeżisti, partikolarment, fis-sentenzi Bendenoun u Janosevic [36], u li hemm riferiment dirett għalihom fil-punt 43 tas-sentenza Jussila. F'dawn id-deċiżjonijiet, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet li huwa leġittimu li Stat kontraenti jħalli f'idejn awtorità fiskali, organu amministrattiv li ma jissodisfax l-eżiġenzi tal-Artikolu 6 KEDB [37], il-kompitu li ssegwi u tanalizza l-ksur fiskali li għalih hija pprovduta l-applikazzjoni ta' żieda tat-taxxi li huma ta' natura ta' sanzjoni kriminali, bil-kundizzjoni li l-kontributur jista' jirreferi, kontra d-deċiżjoni relattiva, għal qorti li toffri l-garanziji tal-Artikolu 6 KEDB [38], jiġifieri li, skont il-formula adottata fil-punt 81 tas-sentenza Janosevic li saret riferiment għaliha f'għadd ta' sentenzi suċċessivi, "organu ġudizzjarju li għandu ġurisdizzjoni sħiħa [39], li b'mod partikolari għandu s-setgħa li jirriforma fi kwalunkwe punt, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, id-deċiżjoni kkontestata".

31. Bħalma ġie ċċarat fil-punt 43 tas-sentenza Jussila, il-prinċipju affermat fis-sentenzi Bendenoun u Janosevic jista' jkun estiż għall-proċeduri ta' ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni skont ir-Regolament Nru 1/2003. Għaldaqstant, il-konċentrazzjoni tal-poteri ta' struzzjoni, ta' akkuża u ta' deċiżjoni f'idejn il-Kummissjoni f'dawn il-proċeduri ma tidħirx li tmur kontra l-Artikolu 6 KEDB, bil-kundizzjoni, madankollu, li l-impriżi suġġetti għalihom jiddisponu mid-dritt li jappellaw mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni quddiem organu li jirreaġixxi għall-ħtiġijiet ta' dan l-artikolu. Għalhekk għandu jiġi vverifikat jekk l-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq id-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni għall-ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni, jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 81 tas-sentenza Janosevic. Mingħajr ma noqgħod nagħmel studju eżawrjenti ta' din il-kwistjoni, nillimita ruħi li nuri li l-aspetti ta' dan l-istħarriġ, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jistgħu jirriżultaw iktar problematiċi.

32. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita stħarriġ tipiku ta' leġittimità fuq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-kamp tal-antitrust, li jimplika analiżi, ġeneralment sħiħa, tal-aggravji kollha, fil-fatt u fid-dritt, imressqa mir-rikorrenti, kif ukoll ta' aggravji oħra ta' ordni pubbliku li jistgħu jitressqu *ex officio*. Minbarra l-multi, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex il-poter li tirriforma d-deċiżjoni

35 — L-istess raġunament jinstab fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-4 ta' Marzu 2008, Hüseyin Turan vs It-Turkija, punt 32.

36 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi tal-24 ta' Frar 1994, Bendenoun vs Franza, Serje A, Nru 284, u Janosevic vs L-Isvezja, iċċitata iktar 'il fuq.

37 — Ara s-sentenza Janosevic, iċċitata iktar 'il fuq, punt 81.

38 — Ara s-sentenzi Bendenoun, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46, u Janosevic, iċċitata iktar 'il fuq, punt 81; fl-istess sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 1995, Umlauft vs L-Awstrija, Serje A, Nru 328-B, punti 37 sa 39. Din il-pożizzjoni hija simili għal dik espressa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem inkwantu l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 KEDB f'ambitu mhux kriminali (ara, *inter alia*, is-sentenza tal-10 ta' Frar 1983, Albert u Le Compe vs Il-Belġju, Serje A, Nru 58, punt 29) u għall-ksur kriminali minuri (għal dak relatat mal-liġi tat-triq, ara s-sentenza tat-23 ta' Ottubru 1984, Öztürk vs Il-Ġermanja, punt 29.

39 — Bit-Taljan ikun iktar korrett li tintuża l-espressjoni 'gurisdizione di merito', minħabba li, kif se jidher aħjar iktar 'il quddiem, ma jkunx ċar, fil-parti riprodotta, jekk il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem effettivament tirreferix għal ġurisdizzjoni li tmur lil hinn minn sempliċi leġittimità.

tal-Kummissjoni, iżda tista' biss tannullahom. F'dan ir-rigward, nosserva li jekk huwa veru li fit-test Franċiż tas-sentenza Janosevic, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tuża l-espressjoni "pouvior de réformer", it-test Ingliż juża l-verb iktar ġeneriku "to quash", li pjuttost jirreferi għas-setgħa li tannulla l-att appellat. Barra minn hekk, fl-istess sentenza, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tenniet li l-ġurisdizzjonijiet amministrattivi kompetenti fid-dritt Svediż li jisimgħu rikorsi kontra d-deċiżjonijiet li permezz tagħhom l-amministrazzjoni fiskali timponi żieda fit-taxxi li huma ta' natura ta' sanzjoni kriminali huma tribunali li jippreżentaw il-garanziji indikati fl-Artikolu 6 KEDB, minkejja li setgħu kienu leġittimati biss, "fil-każ li ma jkunx hemm qbil mal-konklużjonijiet tal-amministrazzjoni fiskali", biex tkun annullata d-deċiżjoni appellata [40]. Fl-istess sens, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruħha fl-istess sens f'sentenzi oħra preċedenti [41].

33. Madankollu, il-ġurisprudenza ma hijiex kostanti fuq dan il-punt. Pereżempju, fis-sentenza ċċitata Umlauft ġie deċiż li l-Verwaltungsgerichtshof tal-Awstija, li semgħet ir-rikors kontra provvediment li permezz tiegħu ġiet imposta fuq ir-rikorrenti sanzjoni pekunjarja għall-ksur tal-liġi tat-triq, ta' natura kriminali, ma tippreżentax il-garanziji indikati fl-Artikolu 6 KEDB, qorti u li kellha biss il-kompetenza li teżerċita stħarriġ ta' leġittimità u kienet, barra minn hekk marbuta bil-konstatazzjonijiet ta' fatt tal-awtoritajiet amministrattivi. Fis-sentenza Tsfayo, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma rrikonoxxietx il-"ġurisdizzjoni sħiħa" tal-High Court tar-Renju Unit, għaliex, minkejja li din il-Qorti kellha s-setgħa tannulla d-deċiżjoni appellata kemm-il darba tqis insuffiċjenti jew żbaljat il-kuntest tal-provi li qed tibbaża fuqu, ma kellhiex il-kompetenza terġa' tevalwa l-provi jew tibdel l-evalwazzjoni tagħha b'evalwazzjonijiet ikkritikati dwar il-kredibbiltà tar-rikorrenti [42]. Fis-sentenza Kyprianou, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet li n-nuqqas

40 — Fil-punt 82 tas-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota li t-tribunali amministrattivi, "jistgħu jkunu jafu kull aspett tal-kwistjonijiet li huma responsabbli għalihom. L-analiżi tagħhom mhux limitata għall-punti tad-dritt iżda jistgħu jinkludu wkoll il-kwistjonijiet ta' fatt bħala evalwazzjoni tal-provi […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

41 — Ara, pereżempju, is-sentenza tal-31 Awwissu 2007, Bistrovic vs Il-Kroazja, punt 53, dwar il-"County Courts" Kroati; tal-21 ta' Settembru 1993, Zumtobel vs L-Awstrija, Serje A, Nru 268-A, punti 27 sa 32, b'riferiment għall-kontroll eżerċitat fil-każ tal-Qorti Amministrattiva Awstrijaka u tal-25 ta' Ottubru 1995, Bryan vs Ir-Renju Unit, Serje A, Nru 335-A, punti 44 sa 47. Madankollu dawn is-sentenzi ma jirrigwardawx il-kamp kriminali.

42 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tal-14 ta' Novembru 2006, Tsfayo vs Ir-Renju Unit, punt 48.

ta' imparzjalità tal-qorti fl-ewwel istanza li imponiet priġunerija għar-rikorrent minħabba r-reat ta' "contempt of court" ma kinitx irrimedjata mill-Qorti superma fil-fażi ta' appell, peress li din tal-aħħar ma għamlitx *analiżi mill-ġdid* tal-kawża [43]. Fl-aħħar nett, fis-sentenza Silverter's Horeca, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkunsidrat li l-kumpannija rikorrenti ma kellhiex aċċess għal "tribunal" fis-sens tal-Artikolu 6 KEDB, peress li l-qorti tal-appell ta' Brussell li quddiemha nstemgħu l-proċeduri kontra miżura amministrattiva li permezz tagħha ġew imposti multi fisakli għall-ksur tal-kodiċi tal-VAT, ma kellhiex issetgħa li teżonera l-kontributur mill-obbligi leġittimament imposti, abbażi biss ta' motivi ta' opportunità jew ta' ekwità [44]. F'dan il-kuntest, irridu niftakru li, fil-kawżi ta' kontenzjuż dwar il-ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha kompetenza ġurisdizzjonali anki fil-qasam tal-multi, u dan permezz tal-Artikolu 261 TFUE u tal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, u konsegwentement għandu "l-kapaċità, li tmur lil hinn minn stħarriġ semplici fuq il-legalità tal-penali, izda li jissostitwixxi l-evalwazzjoni tiegħu b'dik tal-Kummissjoni", billi tħassar, tnaqqas u saħansitra żżid l-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni meta l-problema ta' dak l-ammont huwa bbażat fuq l-evalwazzjoni tagħha [45]. Din il-kompetenza tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirriforma l-att ikkontestat, anki fin-nuqqas ta' annullament [46].

34. It-tieni aspett delikat imressaq mir-rikorrenti, huwa dwar l-istħarriġ marġinali — jiġifieri limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli proċedurali u tar-raġunijiet mgħotija, mill-eżattezza materjali tal-fatt, kif ukoll l-insuffiċjenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' abbuż ta' poter — li, skont ġurisprudenza stabbilita [47], il-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi magħmula mill-Kummissjoni [48].

43 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tas-27 ta' Jannar 2004, Kyprianou vs Ċipru. B'mod partikolari, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem affermat li "en tant qu'instance d'appel, celle-ci n'avait pas pleine juridiction pour examiner à nouveau l'affaire, mais pouvait seulement contrôler s'il y avait dans le jugement de première instance des erreurs manifestes de droit ou de fait. Elle n'a pas procédé à nouveau à un examen indépendant de l'accusation en matière pénale portée contre le requérant pour *contempt* devant la cour d'assises. En outre, la Cour suprême a estimé qu'elle ne pouvait pas intervenir dans le jugement de la cour d'assises en reconnaissant la marge d'appréciation de cette dernière quant à infliger une peine au requérant'. Madankollu, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem żiedet li 'en réalité, la Cour suprême a refusé d'annuler la décision litigieuse au motif que la composition de la cour d'assises n'était pas de nature à garantir son impartialité, alors que elle avait le pouvoir de le faire". Barra minn hekk, fis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, fl-istess kawża, il-Grande Chambre, minkejja li waslet għall-istess konklużjoni, pjuttost enfasizzat fuq il-fatt li l-Qorti suprema ma kellhiex fi kwalunkwe każ tipproċedi, minkejja li kellha l-kompetenza, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-istanza inferjuri.

44 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tal-4 ta' Marzu 2004, Silverster's Horeca Service vs Il-Belġju, punti 26 u 27.

45 — Sentenza tat-8 ta' Frar 2007, Group Danone vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 61 u 62). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott tat-8 ta' Diċembru 2005 fil-kawża Technische Unie vs Il-Kummissjoni (sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, C-113/04 P, Ġabra p. I-8831, punt 132), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro tas-16 ta' Novembru 2006 fil-kawża Group Danone vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 45 u 48).

46 — Sentenza Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 692. Dwar dan l-argument, se nirreferi għal P. Mengozzi, *La compétence de pleine juridicition du juge communautaire*, f'"Liber amicorum en l'honneur de Bo Vesterdorf", 2007, p 219.

47 — Ara, f'dan is-sens, f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 85 KE, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1985, Remia *et* vs Il-Kummissjoni, (42/84, Ġabra p. 2545, punt 34); tas-17 ta' Novembru 1987, BAT u Raynolds vs Il-Kummissjoni, (Kawżi magħquda 142/84 u 156/84, Ġabra p. 4487, punt 62) u tat-2 ta' Ottubru 2003, Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni (C-194/99 P, Ġabra p. I-10821, punt 78).

48 — F'dan ir-rigward, nosserva li, lil hinn mill-kamp kriminali, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tidher li taċċetta l-possibbiltà li l-istħarriġ ġurisdizzjonali ta' miżuri amministrattivi jista' jkun, f'ċirkustanzi determinati, limitat għall-iżbalji manifesti (ara s-sentenza Bryan, iċċitata iktar 'il fuq, punti 41 u 44 sa 47). B'mod partikolari, fil-punt 47, il-Qorti tal-Ġustizzja tgħid, "'Tista' b'mod raġonevoli taċċetta din il-proċedura min-naħa ta' ġurisdizzjoni ta' appell fis-setturi ġuridiċi speċjalizzati bħal dan f'din il-kawża, partikolarment meta l-fatti jkunu kkonfermati qabel matul proċedura kważi ġurisdizzjonali li tiggarantixxi r-rispett ta' numru kbir ta' eżiġenzi pprovduti mill-Artikolu 6(1) KEDB" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara wkoll is-sentenza Tsyfayo, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46.

35. It-tielet nett, u fl-aħħar nett, jekk il-qorti Komunitarja terġa' teżamina l-provi favur u kontra inklużi fil-fajl amministrattiv, l-istħarriġ ġudizzjarju li teżerċita fil-kuntest ta' rikors għal annullament huwa magħmul fuq il-bażi ta' punti ta' fatti u ta' liġi eżistenti meta l-att ġie adottat [49]. Għalhekk, ir-rwol tagħha huwa li jiġi evalwat jekk il-provi u l-fatti l-oħra invokati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha humiex biżżejjed biex juru l-eżistenza tal-allegat ksur [50]. Fejn taħseb li l-provi ma humiex konvinċenti, hija biss tista' tannulla din id-deċiżjoni minħabba insuffiċjenza ta' provi.

36. Minkejja l-limiti indikati iktar 'il fuq, ma neskludix li, ikkunsidrat globalment, il-limitu ġuridizzjonali żviluppat abbażi tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jimponu multi għall-ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni, fil-prinċipju huwa konformi mal-approċċ iktar flessibbli adottat mill-Grande Chambre tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Janosevic, l-eżiġenzi tal-Artikolu 6(1) KEDB, fil-kamp kriminali.

37. Fil-kawża inkwistjoni, madanakollu, il-kwistjoni tista' tibqa' miftuħa. Fil-fatt, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tammetti approċċ maħsub biex jivverifika r-rispett għall-eżiġenzi tal-Artikolu 6(1) KEDB f'kull kawża inkwistjoni, anki indipendentement mill-kwistjoni iktar ġenerali tal-eventwali kompatibbiltà ma' dawn id-dispożizzjonijiet tal-istruttura li fiha tkun inkluża [51]. Mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali eżerċitat, għal kull aspett imressaq quddiemha, stħarriġ sħiħ fuq ir-rispett

49 — F'dan is-sens, ara diġà, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1972, Compagnie d'approvisionnement, de transport et de crédit et Grands Moulins de Paris vs Il-Kummissjoni (9/71 u 11/71, Ġabra p. 391). B'mod partikolari, l-evalwazzjonijiet kumplessi mwettqa mill-Kummissjoni għandhom jiġu eżaminati biss fid-dawl tal-elementi li hija kienet tiddisponi minnhom meta dawn ġew effettwati; ara s-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-288/96, Ġabra p. I-8237, punt 34), u tal-25 ta' Ġunju 1998, British Airways *et* vs Il-Kummissjoni (T-371/94 u T-394/94, Ġabra p. II-2405, punt 81).

50 — Ara s-sentenzi tat-8 ta' Lulju 2004, JFE Engineering vs Il-Kummissjoni (T-67/00, T-68/00, T-71/00 u T-78/00, Ġabra p. II-2501, punti 174 u 175), u tal-20 ta' April 1999, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, Ġabra p. II-931, punt 891).

51 — Għal xi eżempji, ara s-sentenza Zumtobel, iċċitata iktar 'il fuq, punti 31 *et seq*, u l-istess sentenza Janosevic, iċċitata iktar 'il fuq.

tal-prerekwiżiti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE. Il-portata ta' dan l-istħarriġ ma tistax tkun ikkunsidrata bħala limitata għall-fatt biss li l-imputazzjoni ta' responsabbiltà għar-rikorrenti hija bbażata fuq preżunzjonijiet. Barra minn hekk, mill-istess sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali analizzat l-elementi kollha mressqa minn Elf Aquitaine sabiex turi l-indipendenza tal-azzjonijiet fuq is-suq tas-sussidjarja tagħha, u filwaqt li ċaħdet ir-rilevanza u s-suffiċjenza tagħhom abbażi ta' motivazzjonijiet miżjuda ma' dawk adottati mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, filwaqt li tikkontesta b'mod ġenerali, fl-osservazzjonijiet tagħha kemm bil-miktub kif ukoll orali, is-suffiċjenza tal-istħarriġ ġurisdizzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-eżiġenzi tal-Artikolu 6 KEDB, ir-rikorrenti, madankollu, ma ressqitx argumenti bil-ħsieb li turi insuffiċjenza fil-kawża inkwistjoni. Għalhekk, inħoss li l-argument dwar nuqqas ta' imparzjalità tal-proċedura amministrattiva minħabba konċentrazzjoni tal-poteri ta' struzzjoni, ta' akkużi u ta' deċiżjoni mogħtija lill-Kummissjoni, minbarra li huwa inammissibbli, huwa wkoll bla bażi [52].

38. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, anki t-tieni parti tat-tieni aggravju għandha, fl-opinjoni tiegħi, tiġi miċħuda.

52 — Jiena ma naħsibx li tista' twassal għal konklużjoni differenti, iċ-ċirkustanza li fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eskludiet it-tnaqqis tal-multa mitlub mir-rikorrenti fuq il-bażi li din tal-aħħar ma kinitx ipprovdiet argumenti jew punti ta' fatt ta' natura li jiġġustifikaw l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha fir-rigward ta' multi.

c) Konklużjonijiet fuq it-tieni aggravju

39. Fid-dawl tal-analiżi żviluppata, insostni li t-tieni aggravju għandu jkun minn naħa miċħud minħabba li hu bla bażi u min-naħa l-oħra għandu jkun iddikjarat inammissibbli.

3. Fuq it-tielet aggravju, dwar l-iżbalji fuq il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kumissjoni u n-nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata

40. Anki dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

a) Fuq l-ewwel parti

41. Permezz tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, ir-rikorrenti tinnota, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq "idea żbaljata" tal-obbligu tal-Kummissjoni li timmotiva d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, meta stmat li l-Kummissjoni kienet issodisfat dan l-obbligu sempliċement billi rreferiet għall-prinċipji li jirregolaw l-imputabbiltà tar-reponsabbiltà tal-kumpannija parent u billi indikat id-daqs tas-sehem ta' din tal-aħħar fil-kapital tas-sussidjarja tagħha. F'dan

ir-rigward, ninnota li l-punti 58 *et seq* tas-sentenza appellata, li minnhom jirriżulta, skont ir-rikorrenti, l-iżball tal-Qorti Ġenerali, fir-realtà jirreaġixxu għall-allegazzjonijiet imressqa minn din tal-aħħar fl-ewwel aggravju u għandhom l-għan li jikkontestaw ksur tad-drittijiet tad-difiża u mhux ksur tal-obbligu tal-motivazzjoni, kif għall-kuntrarju indikat fit-tieni aggravju. Ninnota barra minn hekk li, għalkemm ir-rikorrenti tikkontesta li "l-elementi essenzjali kollha li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tikkontesta lil Elf Aquitaine" huma inklużi fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, madankollu hija ma tippreċiżax liema elementi, minbarra dawk imsemmija fil-punti 58 u 59 tas-sentenza appellata (espożizzjoni tar-regoli ta' imputazzjoni għall-kumpannija parent tar-responsabbiltà għall-azzjonijiet illegali tas-sussidjarja, indikazzjoni tal-preżunzjoni bbażata fuq iż-żamma minn naħa tal-kumpannija parent tal-kapital kollu tas-sussidjarja kif ukoll riferiment għall-parteċipazzjoni kważi totali tar-rikorrenti fil-kapital ta' Atofina), kellhom ikunu indikati b'mod ċar fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet. Fejn ir-rikorrenti għandha l-intenzjoni li tirreferi għall-provi ulterjuri kontriha minbarra dawk maħsuba biex juru li l-kundizzjonijiet ta' fatt tal-preżunzjoni li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni, kienu sodisfatti, l-argumenti tagħha jitfixklu ma dawk intiżi li jikkontestaw il-possibbiltà tar-rikors għal din il-preżunzjoni, li se jkunu analizzati fil-ħames aggravju. Jirriżulta li r-rikorrenti ma wrietx l-iżball ta' interpretazzjoni allegat tal-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tad-dikrazzjonijiet ta' oġġezzjoni li hija imposta fuq il-Qorti Ġenerali. F'dan il-kuntest, l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandu, fl-opinjoni tiegħi, jiġi miċħud.

42. It-tieni nett, ir-rikorrenti qed tikkontesta quddiem il-Qorti Ġenerali li adottat "idea żbaljata" tal-obbligu tal-Kummissjoni li timmotiva d-Deċiżjoni. L-argumenti li din tressaq jirrigwardaw preċiżament il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Qorti Ġenerali kkunsidrat suffiċjenti l-motivazzjoni li permezz tagħha ġew miċħuda, fid-Deċiżjoni, l-elementi mressqa minn Elf Aquitaine biex turi l-awtonomija tal-azzjonijiet tas-sussidjarja tagħha Atofina fis-suq. Din il-motivazzjoni, skont ir-rikorrenti kwalifikata b'mod żbaljat mill-Qorti Ġenerali bħala "sommarju", iżda fir-realtà totalment ma teżistix, ma kinitx tippermettilha li tivverifika l-bażi tad-Deċiżjoni u kienet timpedixxi lill-Qorti Ġenerali milli teżerċita l-istħarriġ ta' leġittimità tagħha.

43. F'dan ir-rigward, nosserva li fil-punt 79 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza li permezz tagħha l-motivazzjoni pprovduta fl-Artikolu 253 KE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwisjoni u għandu jidher b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament segwit mill-istituzzjoni li tkun adottat l-att, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjoni tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti biex teżerċita l-istħarriġ tagħha. Il-Qorti Ġenerali tfakkar, minn naħa, li l-obbligu tal-motivazzjoni għandu jkun evalwat fil-funzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi esposti u tal-interessi li d-destinatarji tal-att jew persuni oħra interessati minn dan direttament u individwalment jistgħu jirċievu spjegazzjoni, u min-naħa l-oħra li l-motivazzjoni ma għandhiex neċessarjament tispeċifika l-elementi kollha tal-fatti u tad-dritt rilevanti, inkwantu l-verifika li l-motivazzjoni tal-att tissodisfa l-obbligi li skont l-Artikolu 253 KE għandha ssir fid-dawl tal-ispirtu tagħha,

iżda anki tal-kuntest u tad-dispożizzjonijiet legali kumplessi li jirregolaw is-suġġett inkwistjoni [53]. Fl-aħħar nett, fl-aħħar sentenza tal-punt 79, il-Qorti Ġenerali tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza li abbażi tagħha l-Kummissjoni hija obbligata tiżviluppa r-raġunar tagħha b'mod espliċitu jekk, fil-kuntest tal-prassi deċiżjonali tagħha, tadotta deċiżjoni li titbiegħed kunsiderevolment mid-deċiżjonijiet preċedenti tagħha [54] u fil-punt 80 tfakkar li meta deċiżjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE tikkonċerna l-pluralità tad-destinatarji u tippreżenta problema ta' imputabbiltà tal-ksur, din għandha tikkonsisti f'motivazzjoni suffiċjenti għal kull wieħed mid-destinatarji u, b'mod partikolari għal dawk li, abbażi ta' din id-deċiżjoni, għandhom iġorru l-konsegwenzi tal-ksur. Fil-punti 84 *et seq*, hija teżamina l-allegazzjonijiet ta' Elf Aquitaine li skontha, id-Deċiżjoni mhux suffiċjentement motivata fil-parti taċ-ċaħda tal-argumenti ppreżentati minn din biex tinverti l-preżunzjoni li qed tibbaża fuqha l-Kummissjoni. Għal dan l-għan, il-Qorti Ġenerali tanalizza l-punti 258 sa 261 tad-Deċiżjoni u tosserva, b'mod partikolari, li dawn l-argumenti kienu miċħuda mill-Kummissjoni minħabba li kienu sempliċement "affermazzjonijiet", (li ma humiex sostnuti minn dokumenti ta' ġustifikazzjoni) u li d-dokumenti pprovduti minn Elf Aquitaine kienu limitati biex jagħtu "indikazzjoni ġenerali dwar il-ġestjoni kummerċjali tal-kumpannija". Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet fil-punt 89 li "din ir-risposta għall-argumenti ta' Elf Aquitaine, għalkemm sommarja, tippermetti li jkunu spjegati r-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni ċaħdithom" u li l-Kummisjoni wieġbet "għall-punti essenzjali tal-argumenti ta' Elf Aquitaine, b'kunsiderazzjoni għall-elementi kollha tal-prova mressqa minn din tal-aħħar". Il-kontenut tal-punti 84 sa 90 tas-sentenza appellata, li l-kontenut tagħhom kien espost b'mod estensiv, fl-opinjoni tiegħi ma jippermettix li ngħidu, kif tagħmel ir-rikorrenti, li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod skorrett l-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kummissjoni abbażi ta' idea żbaljata ta' dan l-obbligu. Madankollu, jidher mis-sentenza appellata li sar riferiment għaliha iktar 'il fuq, kif ukoll mill-kontenut ta' punti rilevanti tad-Deċiżjoni, li għall-kuntrarju ta' dak affermat mir-rikorrenti, il-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet li għalihom l-argumenti ppreżentati mir-rikorrenti ma tqisux suffiċjenti sabiex tkun invertita l-preżunzjoni inkwistjoni (peress li jikkonsistu f'affermazzjonijiet mhux iġġustifikati minn dokumenti ta' prova u minn dokumenti mhux rilevanti). Minkejja dan, fir-rigward ta' dan il-punt, ma jistax ikun invokat nuqqas totali ta' motivazzjoni, minkejja li l-istess motivi għal ċaħda kienu applikati globalment flimkien mal-argumenti u ċerti dokumenti mressqa mir-rikorrenti lill-Kummissjoni.

44. Ir-rikorrenti tallega wkoll li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-intensità

53 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, Ġabra p I-1719, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha), kif ukoll tal-15 ta' Lulju 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-501/00, Ġabra p I-6717, punt 73).

54 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ottubru 1997, SCK u FNK vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-213/95 u T-18/96, Ġabra p. II-1739, punt 226).

tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni li kienet imposta fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża inkwistjoni. Din il-motivazzjoni kellha tkun ħafna iktar akkurata minħabba li: i) ir-rikorrenti ma kinitx avżata bil-proċeduri fil-konfront tagħha qabel ma rċeviet id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet; ii) il-Kummissjoni tbiegħdet mill-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha u iii) id-Deċiżjoni reġgħet inkludiet fil-kawża diversi drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u imponiet fuq din tal-aħħar sanzjonijiet ta' natura kriminali. Ir-rikorrenti tosserva wkoll li wara d-dħul fis-seħħ tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-obbligu ta' motivazzjoni tal-istituzzjonijet tal-Unjoni bis-saħħa tal-Artikolu 41(2) tal-istess Karta għandu, abbażi tal-Artikolu 52(3) tiegħu, ikun interpretat skont kriterji iktar riġidi adottati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(3)(a) KEDB.

45. L-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-rikorrenti ma jidhirli li jista' jkun rilevanti. L-ewwel nett, ma nistax nifhem, u f'dan ir-rigward lanqas ma r-rikorrenti tipprovdi b'mod ċar, x'inċidenza għandu fuq l-intensità tal-obbligu ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni, il-fatt li Elf Aquitaine kienet informata bil-proċeduri fil-konfront tagħha biss permezz tal-iżvelar tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet. Il-Kummissjoni affermat, mingħajr ma kienet ikkontestata dwar dan il-punt mir-rikorrenti, li l-prinċipji li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanniji parent applikati minn Elf Aquitaine, inkluża l-preżunzjoni bbażata fuq iż-żamma tat-totalità tal-kapital, iddaħħlu sabiex jiffurmaw parti integrali mill-prassi deċiżjonali mill-2002 sal-2003. Minħabba li d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet intbagħtet lir-rikorrenti fis-7 ta' April 2004 u d-Deċiżjoni kienet adottata fid-19 ta' Jannar 2005, din tal-aħħar ma tindika l-ebda distinzjoni mal-prattika preċedenti tal-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, inkwantu għat-tielet punt [il-paragrafu (iii) preċedenti], huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li minn naħa, l-argument tar-rikorrenti jassumi li huwa aċċertat il-ksur tad-drittijiet fundamentali invokati minnha, ksur li l-Qorti Ġenerali għall-kuntrarju eskludiet, u min-naħa l-oħra, li motivazzjoni iktar dettaljata tad-Deċiżjoni fi kwalunkwe każ ma kinitx se tiġġustifika ksur bħal dan, fejn aċċertat. Madankollu, iċ-ċirkustanza li d-Deċiżjoni imponiet fuq ir-rikorrenti sanzjonijiet ta' natura kriminali, ma tirrikjedix l-impożizzjoni ta' standard ta' motivazzjoni superjuri għoli fir-rigward ta' dan, li huwa responsabbiltà tal-istituzzjonijiet Komunitarji bis-saħħa tal-Artikolu 253 KE kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi ta' liema, il-motivazzjoni għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandu jidher b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament segwit mill-istituzzjoni li tkun adottat l-att, b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjoni tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti biex teżerċita l-istħarriġ tagħha [55].

55 — Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, Corus UK (C-199/99 P, Ġabra p. I-11177, punt 145), iċċitata mir-rikorrenti.

46. Fir-rigward tal-argument li r-rikorrenti tislet mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 41(2) u 52(3) tal-Karta, jekk nippresupponu li dawn id-dispożizzjonijiet huma applikabbli *ratione temporis* għad-Deċiżjoni [56], nistgħu ngħidu li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem imsemmija minn Elf Aquitaine ma tidhirx rilevanti, minħabba li tirreferi għal deċiżjonijiet mogħtija minn organi ġurisdizzjonali. Fi kwalunkwe każ, f'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, l-eżiġenza affermata mill-qorti msemmija, li tgħid li d-deċiżjonijiet diverġenti minn ġurisprudenza preċedenti kkonsolidata, għandhom jimmotivaw b'mod sostanzjali r-raġunijiet għal dan "it-taqlib" [57], ikun biżżejjed li nosservaw li s-sentenza appellata taqa' taħt ġurisprudenza inawgurata fis-sena 2000 permezz tas-sentenza Stora [58] u reċentement ikkonfermata mis-sentenza Akzo Nobel [59]. Fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ Helle, li r-rikorrenti għamlet riferiment għaliha [60], nillimita ruħi li nosserva li kif se naraw aħjar fl-analiżi tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, il-Qorti Ġenerali pproċediet fis-sentenza kkontestata għal analiżi mill-ġdid sħiħa tal-argumenti mressqa mir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva u għalhekk ma kinitx limitata li tadotta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni mingħajr ma teżamina d-domandi essenzjali mressqa lilha. Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li tissanzjona n-natura insuffiċjenti tal-motivazzjonijiet tad-deċiżjonijiet li ma jippreċiżawx il-kunċetti essenzjali li huma msejsa fuqhom [61], ir-rikorrenti ma ċċaratx liema huma, fil-kawża inkwistjoni, il-kunċetti li fuqhom qed tibbaża l-Qorti Ġenerali mingħajr ma tiċċara s-sinjifikat.

56 — Ninnota li f'sentenza għal deċiżjoni preliminari reċenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat applikabbli l-Karta anki b'riferimenti għall-fatti li żvolġew hawnhekk qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (ara s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB, C-279/09, Ġabra p. I-13849).

57 — Ir-rikorrenti tagħmel riferiment f'dan ir-rigward għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-14 ta' Jannar 2010, Atanasovski vs Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

58 — Sentenza tas-16 ta' Novembru 2000, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni (C-286/98 P, Ġabra p. I-9925).

59 — Sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 Ġabra p. I-8237).

60 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tad-19 ta' Diċembru 1997, Helle vs Il-Finlandja. Ninnota, barra minn hekk, li din is-sentenza tikkonċerna, iktar milli l-intensità tal-obbligu ta' motivazzjoni, l-eżiġenza ta' analiżi sostanzjali tal-elementi essenzjali mressqa għall-istħarriġ ġurisdizzjonali. Fil-punt 60 ta' din is-sentenza ċċitata mir-rikorrenti, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tesprimi ruħha skont it-termini li ġejjin: "Eu égard à ces considérations, la Cour souligne que la notion de procès équitable requiert qu'une juridiction interne qui n'a que brièvement motivé sa décision, que ce soit en incorporant les motifs fournis par une juridiction inférieure ou autrement, ait réellement examiné les questions essentielles qui lui ont été soumises et qu'elle ne se soit pas contentée d'entériner purement et simplement les conclusions d'une juridiction inférieure".

61 — Elf Aquitaine tirreferi b'mod partikolari għas-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 1987, H. vs Il-Belġju, punt 53, u tal-25 ta' April 1997, Georgiadis vs Il-Greċja, punt 43.

47. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-ewwel parti tat-tielet aggravju, fl-opinjoni tiegħi għandu jiġi miċħud.

b) Fuq it-tieni parti

48. Fil-kuntest tat-tieni parti, ir-rikorrenti qed tilmenta l-ewwel nett dwar in-natura kontradittorja, li ma tinftiehemx u li hija insuffiċjenti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata. Din tirreferi b'mod partikolari għall-affermazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li Elf Aquitaine u s-sussidjarja tagħha jikkostitwixxu impriża waħda — meta għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkunsidratha bħala entità awtonoma — kif ukoll għall-konfużjoni ripetuta f'diversi partijiet tas-sentenza appellata bejn il-kunċetti ta' impriża u ta' kumpannija. Elf Aquitaine tqis li hemm kontradizzjoni bejn l-ewwel u l-aħħar sentenzi tal-punt 105 tas-sentenza appellata.

49. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett huwa biżżejjed li nirrilevaw, kif fl-opinjoni tiegħi tenfasizza ġustament il-Kummissjoni, li d-dikjarazzjoni li żewġ kumpanniji jikkostitwixxu impriża waħda la hija inkompatibbli mal-fatt li tintbagħat lil dawn tal-aħħar dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet distinta, meħtieġa sabiex ikunu informati l-kumpanniji dwar l-ilmenti fformulati fil-konfront tagħhom, u lanqas mal-applikazzjoni ta' multi separati, li l-ammont tagħhom għandu jkun ikkalkulat skont il-funzjoni proprja ta' kull waħda mill-kumpanniji. Għall-kuntrarju ta' dak li tafferma r-rikorrenti, ma teżisti l-ebda kontradizzjoni bejn il-konstatazzjonijiet imsemmija u l-fatt li fil-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni kkunsidrat, għall-bidu tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet u l-iffissar tal-multi li Elf Aquitaine u Atofina jikkostitwixxu suġġetti legali awtonomi. It-tieni nett, inqis ukoll bla bażi l-argument li jgħid li l-allegata konfużjoni bejn il-kunċetti ta' kumpannija u impriża, b'mod partikolari l-punti 8, 17, 18, 107 u 123 tas-sentenza appellata, irendu kontradittorja u inkomprensibbli l-motivazzjoni tal-istess. Il-punti 8, 17 u 18 jagħmlu parti mid-deskrizzjoni preċedenti fir-rigward tal-kontroversja u huma limitati biex jerġgħu jittrattaw il-kontenut tad-Deċiżjoni. Min-naħa tiegħu, il-punt 107 jinkludi biss riferiment wieħed għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-aħħar nett, fil-punt 123, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li tiċċita ġurisprudenza preċedenti, tikkonkludi li meta grupp ta' kumpanniji jikkostitwixxi impriża waħda, il-Kummissjoni għandha dritt timponi r-responsabbiltà ta' ksur li jkun sar minn din l-impriża għall-kumpannija responsabbli u li timponi multa fuq din il-kumpannija. Kemm jekk tikkunsidra kull waħda minnhom individwalment jew flimkien, jew saħansitra jiġi inkluż fir-raġunament kumplessiv tal-Qorti Ġenerali, il-punti mressqa ma jiżvelaw l-ebda kontradizzjoni, b'tali mod li jrendu, kif qed issostni r-rikorrenti, il-motivazzjoni tas-sentenza appellata inkongruwa jew inkomprensibbli. It-tielet nett, inkwantu mbagħad għall-allegata kontradizzjoni tal-punt 105 tas-sentenza appellata, biżżejjed

li nsemmu li f'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali tillimita ruħha li tispjega li fid-deċiżjoni, il-Kummissjoni titlob jekk marġni ta' diskrezzjonalità fil-fatti tal-kawża inkwistjoni analogu għal dak tar-rikorrenti, iżda li dan ikun eżerċitat biss fil-mument li fih, wara li tkun intweriet l-eżistenza ta' prerekwiżiti ta' imputabbiltà ta' kull kumpannija appartenenti għal grupp, il-Kummissjoni tevalwa jekk il-kumpanniji kollha tal-grupp jew unikament għal dawk involuti direttament fil-ksur għandhomx ikunu imputati b'din ir-responsabbiltà. Sadanittant ma teżisti l-ebda kontradizzjoni bejn l-ewwel u l-aħħar sentenza ta' dan il-punt.

50. Barra minn dan, ir-rikorrenti qed tikkontesta ċ-ċirkolarità tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali, li fl-opinjoni tagħha kellu jitlaq mill-premessa li Elf Aquitaine u Atofina jikkostitwixxu impriża waħda sabiex tkun eskluża r-rilevanza ta' elementi li għall-kuntrarju kienu jitqiesu mill-ġurisprudenza preċedenti bħala indikazzjonijiet tal-eżistenza ta' impriżi distinti (pereżempju, l-injoranza tal-ksur mill-kumpannija parent). Kif irrilevat korrettement il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma telqet minn l-ebda premessa, iżda llimitat ruħha li tikkunsidra bħala leġittimu r-rikors minn naħa tal-Kummissjoni għall-preżunzjoni li ppermettiet li Elf Aquitaine tkun imputata bir-responsabbiltà għall-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha, anki fin-nuqqas ta' relazzjoni ta' instigazzjoni jew ta' implikazzjoni diretta tagħha fil-ksur, kif ukoll sabiex tkun affermata l-eżistenza ta' prerekwiżiti ta' fatt li kienu jawtorizzaw ir-rikors minħabba din il-preżunzjoni. F'dan il-kuntest, huwa loġiku li jkun ikkunsidrat, kif għamlet il-Qorti Ġenerali, li anki l-eventwali injoranza tal-ksur minn Elf Aquitaine ma hijiex tali li terġa' tiddiskuti l-bażi ta' din ir-responsabbiltà. Iċ-ċirkolarità preżunta tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali hija biss il-konsegwenza tal-fatt li din tal-aħħar approvat ir-rikors għall-imsemmija preżunzjoni u bl-ebda mod ma hija indikazzjoni ta' nuqqas ta' motivazzjoni.

51. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, insostni li anki t-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda.

c) Konklużjonijiet fuq it-tielet aggravju

52. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet żviluppati, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad b'mod sħiħ it-tielet aggravju.

4. Fuq ir-raba' aggravju relatat mal-ksur tal-Artikolu 263 TFUE

53. Ir-rikorrenti tinnota li l-Qorti Ġenerali qabżet sew il-limiti tal-istħarriġ tal-leġittimità billi ssostitwixxiet il-motivazzjoni proprja ma dik, diffettuża, tal-Kummissjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda ċ-ċaħda minn din tal-aħħar tal-aħħar indikazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti li tissupera l-preżunzjoni li ppermettiet l-imputazzjoni ta' Elf Aquitaine bir-responsabbiltà għall-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha.

54. F'dan ir-rigward, nosserva qabel kollox li l-argumenti tar-rikorrenti jitilqu mill-prerekwiżit ta' nuqqas fil-motivazzjoni tad-Deċiżjoni, nuqqas li madankollu ma kienx moħbi fl-analiżi tal-ewwel parti tat-tielet aggravju (ara iktar 'il fuq il-paragrafi 42 sa 46) Ninnota barra minn hekk li, fis-sentenza DIR International, wara li fakkret li fil-kuntest tal-istħarriġ ta' leġittimità skont l-Artikolu 230 KE (li sar l-Artikolu 263 TFUE), il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha b'dik tal-awtur tal-att kontenzjuż, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li "[…] fil-kuntest ta' rikors għal annullament, il-Qorti Ġenerali tista' tasal tinterpreta l-motivi tal-att ikkontestat b'mod differenti mill-awtur tiegħu, jew mhux ukoll, f'ċerti ċirkustanzi, li tiċħad il-motivi formali indikati minnu, ma tistax tagħmel hekk jekk ma tkun iġġustifikata b'ebda element materjali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [62]. Il-marġni tal-manuvra konċess lil-Qorti Ġenerali, fil-limiti tal-istħarriġ ta' leġittimità tagħha, huwa għalhekk iktar wiesa' minn dak li tistenna r-rikorrenti. Barra minn hekk, fiċ-ċaħda, fil-punti 160 *et seq* tas-sentenza appellata, tal-elementi mressqa minn Elf Aquitaine sabiex turi l-awtonomija tal-azzjonijiet tas-sussidjarja tagħha fis-suq, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tipprovdi motivazzjoni ċertament iktar dettaljata minn dik li tidher fid-Deċiżjoni, iżda xorta konformi ma' din tal-aħħar. Konsegwentement, din ma waslet għall-ebda sostituzzjoni tal-motivi.

55. Abbażi ta' dak espost, ir-raba' aggravju, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 263 TFUE, għandu, fl-opinjoni tiegħi, jiġi miċħud.

5. Fuq il-ħames aggravju dwar ksur tar-regoli li jistħarrġu l-imputabbiltà

56. Qabel ma neżaminaw l-ilmenti mressaq fil-kuntest ta' dan l-aggravju, infakkar li Elf Aquitaine kienet imputata bir-responsabbiltà għall-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha

62 — Sentenza tas-27 ta' Jannar 2000, DIR International Film *et* vs Il-Kummissjoni (C-164/98 P, Ġabra p. I-447, punti 38 u 42).

Atofina abbaži ta' raġunament preżunt, li għalih, fl-aħħar snin, il-Kummissjoni għamlet rikors iktar ta' spiss fit-tneħħija ta' akkordji li huma involuti fihom kumpanniji appartenenti ta' gruppi industrijali kbar. Dan ir-raġunament huwa bbażat essenzjalment fuq l-idea li minħabba li bħala prinċipju, parteċipazzjoni totali (jew bħal fil-fatti tal-kawża inkwistjoni, kważi-totali), tal-kumpannija parent fil-kapital tas-sussidjarja, tagħti lil tal-ewwel is-setgħa li tinfluwenza b'mod determinanti l-politika kummerċjali tat-tieni [63], huwa leġittimu li nassumu, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, li influwenza bħal din kienet effettivament eżerċitata u li għaldaqstant, is-sussidjarja ma ddeterminatx b'mod awtonomu l-azzjonijiet tagħha fis-suq. Fil-kawża ċċitata Stora, il-Qorti tal-Ġustizzja bħall-Qorti Ġenerali preċedentement, ippronunzjat ruħha favur il-leġittimità tar-rikors għal raġunament bħal dan, filwaqt li ppreċiżat li, f'dan il-kuntest, ir-responsabbiltà tal-kumpannija li tikkontrolla ma taqax sempliċement miż-żamma ta' 100 % tal-kapital tas-sussidjarja, iżda mill-kombinazzjoni ta' din iċ-ċirkustanza ta' fatt man-nuqqas ta' elementi ideali li tkun ikkontestata l-possibbiltà tal-kumpannija li tikkontrolla li tinfluwenza b'mod determinanti l-politika kummerċjali tal-kumpannija kkontrollata jew li turi l-awtonomija ta' din tal-aħħar fis-suq [64]. Minkejja din il-preċiżazzjoni, is-sentenza Stora kienet twassal għal interpretazzjoni li skontha, il-preżunzjoni ta' stħarriġ effettiv, flimkien man-nuqqas ta' prova kuntrarja, ma humiex biżżejjed biex jippermettu l-imputazzjoni tal-kumpannija parent għall-ksur imwettaq mis-sussidjarja, iżda għandha tissaħħaħ minn elementi ulterjuri li jirrinfurzaw l-idea ta' unità ta' intenzjonijiet taż-żewġ kumpanniji (fil-kawża inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment speċifiku għaċ-ċirkustanza li l-kumpannija parent kienet ippreżentata, matul il-proċedura amministrattiva, bħala l-unika kelliema tal-Kummissjoni għall-kumpanniji tal-Grupp Stora) [65]. Ninnota li din l-interpretazzjoni ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ċċitata Akzo Nobel [66], u li se nitkellem b'mod iktar dettaljat dwarha iktar 'il quddiem. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-preżunzjoni reċentement kien estiż anki għall-ipoteżi ta' kontroll miżmum permezz ta' kumpannija intermedjarja kkontrollata wkoll 100 % [67].

57. Minkejja li l-ġurisdizzjonijiet Komunitarji ripetutament ikkonfermaw verbalment il-leġittimità tar-rikors għall-preżunzjoni [68], li min-naħa l-oħra joriġina mid-dikjarazzjoni

63 — F'dan is-sens, ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 1972, Imperial Chemical Industries vs Il-Kummissjoni (48/69, Ġabra p. 619, punti 136 u 137).

64 — Punt 28. F'dan is-sens, ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2005, DaimlerChrysler vs Il-Kummissjoni (T-325/01, Ġabra p. II-3319, punti 218 sa 220).

65 — Punt 29. F'dan is-sens kien iddeċieda, fil-konklużjonijiet ippreżentati f'dik il-kawża, l-Avukat Ġenerali Mischo (Ġabra p. I-9928, punti 17 sa 62). Fl-istess sens, ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' April 2007, Bolloré vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-109/02, T-118/02, T-122/02, T-125/02, T-126/02, T-128/02 u T-129/02, T-132/02 u T-136/02, Ġabra p. II-947, punt 132).

66 — Punt 62.

67 — Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Diċembru 2008, General Química *et* vs Il-Kummissjoni (T-85/06), ikkonfermata permezz ta' deċiżjoni ta' appell tas-sentenza tal-20 ta' Jannar 2011, General Química *et* vs Il-Kummissjoni (C-90/09 P, Ġabra p. I-1).

68 — Minbarra s-sentenzi ċċitati tal-Qorti tal-Ġustizzja Stora, Akzo Nobel u General Quimica, u tal-Qorti Ġenerali Quimica, ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2007, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (T-112/05, Ġabra p. II-5049).

tal-Qorti tal-Ġustizzja li saret ħafna iktar 'il fuq [69], il-kumpanniji li r-responsabbiltà tagħhom hija rikonoxxuta b'applikazzjoni ta' din il-preżunzjoni jirrikorru b'mod dejjem iktar frekwenti kontra d-deċiżjonijiet li jimponu multi għal azzjonijiet mhux kompetittivi tas-sussidjarji tagħhom, filwaqt li jikkritikaw il-metodu ta' imputazzjoni segwit mill-Kummissjoni b'motivi ħafna drabi konverġenti [70]. Fil-kawża inkwistjoni, il-ħames aggravju b'sostenn għall-appell ta' Elf Aquitaine jikkonsisti f'erba' partijiet.

a) Fuq l-ewwel parti

58. Fil-kuntest tal-ewwel parti, ir-rikorrenti qed issostni l-ewwel nett li r-rikors verbali għall-preżunzjoni jikser ir-regoli dwar l-oneru tal-prova u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003, li abbażi tiegħu "il-piż tal-prova ta' ksur ta' l-Artikolu[101](1) jew ta' l-Artikolu [102] tat-Trattat ħa jpoġġi fuq il-parti jew l-awtorità li qed tallega xi ksur". Ma naħsibx li dan l-argument jista' jkun żviluppat. Il-fatt li l-Kummissjoni tkun leġittimizzata tapplika dispożizzjoni bbażata fuq l-esperjenza (espressjoni tal-*id quod plerumque accidit*) — li l-bażi tagħha ma kinitx ikkontestata mir-rikorrenti, fir-rigward tal-eżattezza tagħha u tal-probabbiltà ta' sekwenza loġika — ma jikkostitwixxix alterazzjoni tar-regoli dwar il-qsim tal-oneru tal-prova, iżda jippermetti biss, fil-każ ta' ċirkustanzi speċifiċi, li wieħed jirrikorri għal prova partikolari [71].

59. It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li n-natura kriminali tas-sanzjonijiet imposti għall-ksur tal-Artikolu 101 TFUE, kif ukoll il-konċentrazzjoni tal-poteri mogħtija lill-Kummissjoni kellhom iwasslu lill-Qorti Ġenerali tivvalida r-rikors għall-preżunzjoni applikata minn Elf Aquitaine bi ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza mħaddan fl-Artikolu 6(2) KEDB.

60. F'dan ir-rigward, infakkar li l-KEDB ma tipprojbixxix ir-rikors f'ambitu kriminali għal preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt, iżda teżiġi li dawn ikunu ddeterminati permezz ta' "limiti raġonevoli" li jikkunsidraw l-importanza tal-interessi kkonċernati u tan-neċessità li jkunu kkonservati d-drittijiet tad-difiża [72].

69 — Ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 1983, AEG-Telefunken vs Il-Kummissjoni (107/82, Ġabra p. 3151, punt 50).

70 — Ara, pereżempju, ir-rikors pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali T-85/06, Air Liquide vs Il-Kummissjoni.

71 — Barra minn dan, billi l-ksur allegat mir-rikorrenti huwa relatat iktar mal-fatt li l-preżunzjoni tal-prova tikkostitwixxi sempliċi indiċi għall-grad ta' probabbiltà tat-tnaqqis li fuqha hija bbażata l-preżunzjoni ta' influwenza determinanti applikata għal Elf Aquitaine, ma huwiex biżżejjed li sabiex tirrimedja l-ksur, "tikkonsolida" din il-preżunzjoni billi tipproduċi evidenza addizzjonali, billi din ma tbiddilx in-natura ta' sempliċi indiċi tal-prova li fuqha hija bbażata r-responsabbiltà tal-kumpannija parent f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża inkwistjoni.

72 — Ara, b'mod partikolari, il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tas-7 ta' Ottubru 1988, Salabiaku vs Franza, punt 28. Il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment għaliha fis-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, Spector Photo Group u Van Raemdonck (C-45/08 Ġabra p. I-12073, punt 43).

Mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li dawn il-limiti huma, fil-prinċipju, meqjusa rrispettati fil-każ meta s-suġġett li għandu kontrih il-preżunzjoni tingħatalu l-possibbiltà li jforni l-prova kuntrarja, jiġifieri anki fil-kuntest ta' dak li l-imsemmija qorti tiddefinixxi bħala "l-għadma iebsa" tad-dritt kriminali. B'hekk, pereżempju fis-sentenza Pham Hoang, il-qorti ta' Strasbourg ikkunsidrat kompatibbli mal-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza u, b'mod iktar ġenerali, mar-regoli tas-smigħ xieraq, il-preżunzjoni ta' responsabbiltà marbuta mal-pussess ta' drogi pprovduta fil-kodiċi doganali Franċiż, peress li l-imputat huwa konxju mill-possibbiltà li juri li aġixxa minħabba stat ta' neċessità jew minħabba li segwa żball inevitabbli [73]. Fl-istess ħin, ma tqesitx li tikser il-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza l-preżunzjoni ta' responsabbiltà marbuta mal-funzjoni ta' diriġenza tal-akkużat fis-sentenza Radio France [74], u lanqas il-preżunzjoni li l-beni akkwistati mis-suġġett ikkundannat abbażi tal-liġi dwar id-drogi fis-seħħ fir-Renju Unit fis-sitt snin qabel it-twettiq tar-reat, jikkostitwixxu traffikar ta' drogi, peress li jistgħu jkunu konfiskati [75]: iż-żewġ każijiet, fil-fatt, jittrattaw preżunzjonijiet superabbli permezz ta' prova kuntrarja. B'mod iktar ġenerali, fis-sentenza Janosevic, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, wara li ppreċiżat li l-applikazzjoni ta' preżunzjonijiet fid-dritt kriminali għandha tkun proporzjonata mal-għanijiet li jridu jintlaħqu, affermat li preżunzjoni li hija diffiċli biex tkun issuperata, iżda li kontriha diffiċli jkun hemm prova kuntrarja, terġa' tidħol fil-limiti tar-raġonevoli [76].

61. Fid-dawl ta' dak li ntqal, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali affermaw kemm-il darba li l-preżunzjoni ta' eżerċitar effikaċi ta' influwenza determinanti tal-kumpannija parent fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarja, hija preżunzjoni "sempliċi", superabbli permezz ta' prova kuntrarja [77]. Madankollu, ir-rikorrenti ttenni li din il-preżunzjoni hija *fil-fatt* insuperabbli. Sabiex issostni t-teżi tagħha, hija ssemmi tliet punti: i) il-fatt li l-entità tal-parteċipazzjoni fil-kapital tas-sussidjarja hija biżżejjed biex tiddetermina l-applikazzjoni tal-preżunzjoni; ii) l-affermazzjoni tal-Qorti Ġenerali, inkluża fil-punt 105 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-Kummissjoni żżomm is-setgħa diskrezzjonali biex timputa r-responsabbiltà tal-ksur għall-kumpannija parent anki fil-preżenza ta' parteċipazzjoni fil-kapital tas-sussidjarja għal 98 % jew iktar, u iii) l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-provi mressqa mir-rikorrenti.

73 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tal-25 ta' Settembru 1992, Pham Hoang vs Franza, punt 34; fl-istess sens, ara qabel is-sentenza Salabiaku, iċċitata iktar 'il fuq.

74 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tat-30 ta' Marzu 2004, Radio France *et* vs Franza, punt 24.

75 — Ara l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2001, Phillips vs Ir-Renju Unit, punt 43, u tat-23 ta' Diċembru 2008, Grayson u Barnham vs Ir-Renju Unit, punti 46 sa 49. Madankollu, fiż-żewġ każijiet, il-preżunzjoni inkwistjoni ma kinitx applikata biex tippermetti l-inkriminazzjoni tar-rikorrenti iżda biex tippermetti li jkun iddeterminat il-kontenut tal-provediment ta' konfiska.

76 — Punti 101 sa 105.

77 — Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Akzo Nobel (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 59, punt 60).

62. Fir-rigward tal-ewwel minn dawn l-elementi, jekk hu veru li parteċipazzjoni totali jew kważi totali hija biżżejjed biex tattiva l-preżunzjoni inkwistjoni, din tal-aħħar madankollu tqieset bħala biżżejjed għall-eżerċitar effikaċi tas-setgħa ta' stħarriġ mogħtija mill-parteċipazzjoni msemmija b'tali mod li taffettwa l-azzjonijiet tas-sussidjarja fis-suq. Il-kumpannija parent involuta fil-kawża inkwistjoni minħabba din il-preżunzjoni għalhekk għandha l-possibbiltà li topponi l-applikazzjoni tagħha, jekk pereżempju tipprova li, minkejja l-entità tal-parteċipazzjoni, din tal-aħħar ma tippermettix, minħabba ostakoli legali jew ta' fatt, li jkun eżerċitat stħarriġ effikaċi fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarja, jiġifieri li, minkejja li dan l-istħarriġ huwa possibbli, dan ma kienx eżerċitat b'mod konkret, jew saħansitra li, minkejja t-tentattivi tal-kumpannija parent li tinfluwenza l-azzjonijiet tas-sussidjarja fis-suq, din tal-aħħar xorta żammet komportament awtonomu (fit-teorija kontra l-istruzzjonijiet mogħtija mill-kumpannija parent [78]). Kif osservat korrettement il-Kummissjoni, il-fatt li diffiċli jkun hemm il-provi neċessarji sabiex tkun ikkontestata preżunzjoni, ma jimplikax li din il-preżunzjoni fil-fatt ma tistax tingħeleb. Barra minn hekk, kif affermat l-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara iktar 'il fuq, il-paragrafu 60), preżunzjoni għalkemm diffiċli tkun ikkontestata, tibqa' fil-limiti aċċettabbli sakemm teżisti l-possibbiltà li tinġieb il-prova kuntrarja.

63. Fir-rigward tat-tieni element invokat mir-rikorrenti bħala sostenn tan-natura ta' fatt ċar tal-preżunzjoni inkwistjoni, nosserva li ċ-ċirkustanza li l-Kummissjoni żżomm marġni ta' diskrezzjonalità fid-deċiżjoni jekk timputax il-ksur anki għall-kumpannija parent li għandha parteċipazzjoni totali jew kważi totali fil-kapital tas-sussidjarja, ma għandha l-ebda inċidenza fuq in-natura relattiva ta' din il-preżunzjoni għall-inqas fil-miżura li fiha mhux ikkontestat li r-rikors għall-preżunzjoni huwa eskluż fil-każ li tinġieb il-prova li ma kienet eżerċitata l-ebda influwenza determinanti tal-kumpannija parent fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarja. Għall-kumplament, nillimita ruħi biex nosserva li, fil-prinċipju, kif rilevat mill-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-fatt li preżunzjoni ma taħdimx b'mod awtomatiku, jikkontribwixxi sabiex l-applikazzjoni tagħha tinżamm f'limiti raġonevoli [79].

64. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-elementi ta' prova magħmula mill-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti ssostni li din tal-aħħar essenzjalment jeħtieġ li ġġib prova negattiva ta' nuqqas ta' interferenza fil-azzjonijiet tas-sussidjarja fis-suq, tip ta' *probatio diabolica*

78 — F'dan is-sens, ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 68, punt 62).

79 — F'dan is-sens, ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Phillips vs Ir-Renju Unit, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43, li fiha hija evidenzjata ċ-ċirkustanza li l-qorti tiddisponi minn poter diskrezzjonali biex tapplika l-preżunzjoni li tippermettilha teskludiha meta l-applikazzjoni tagħha twassal għal riskju serju ta' inġustizzja.

inkompatibbli mad-dritt għall-aċċess għall-qorti u għal stħarriġ ġurisdizzjonali effikaċi. F'dan ir-rigward nosserva li minħabba n-natura tal-preżunzjoni, li tippermetti, permezz ta' attività loġika u deduttiva, li tiġi dedotta minn fatt magħruf il-prova ta' fatt injorat, jidher loġiku li s-suġġett li kontrih din topera, għandu, fil-prinċipju jġib il-prova negattiva tal-fatt aċċertat sempliċement permezz ta' evalwazzjoni ġenerali. L-unika ċirkustanza meta tintalab tali prova ma tippermettix li nikkonkludu, kif tagħmel ir-rikorrenti, li din il-preżunzjoni hija assoluta, speċjalment meta, bħal fil-każ tagħna, din il-prova tkun imfittxija fil-kuntest tas-suġġett li taħdem kontrih il-preżunzjoni. Min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-ġurisprudenza kemm tal-Qorti tal-Ġustizzja [80] kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [81], din iċ-ċirkustanza ma tidhirx li tmur kontra l-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza.

65. Fir-replika, ir-rikorrenti tagħmel riferiment b'sostenn għall-allegazzjonijiet tagħha għas-sentenza reċenti mogħtija fil-kawża Spector Photo Group [82]. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li l-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenża ma jipprekludix il-preżunzjoni stipulata fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/6/KE [83], li permezz tagħha l-intenzjoni tal-awtur ta' informazzjoni minn ġewwa hija dedotta impliċitament mill-elementi materjali li jikkostitwixxu dan il-ksur, "peress li din il-preżunzjoni hija konfutabbli u d-drittijiet tad-difiża huma ggarantiti" [84]. Din l-affermazzjoni hija konformi mal-analiżi li saret sa issa u ma tressaqx argumenti favur l-ipoteżi tar-rikorrenti.

66. Madankollu, skont din tal-aħħar, fil-punti 55 *et seq* tas-sentenza inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-limiti tal-applikazzjoni tal-preżunzjonijiet fid-dritt ekonomiku, filwaqt li eskludiet l-awtomatiċità tagħhom u filwaqt li affermat in-neċessità għall-awtorità kompetenti li tagħmel analiżi ddettaljata taċ-ċirkustanzi tal-fatt, analiżi li, fil-każ ta' Elf Aquitaine, il-Qorti Ġenerali ma għamlitx. F'dan ir-rigward, jidhirli li r-rikorrenti tikkonferixxi għall-punti ċċitati tas-sentenza Spector Photo Group portata ġenerali li dawn ma għandhomx. Barra minn hekk, għall-kuntrarju tal-qari li tagħmel ir-rikorrenti, f'dawn il-punti, il-Qorti tal-Ġustizzja tillimita ruħha biex tinterpreta l-kunċett ta' "użu ta' informazzjoni minn ġewwa" skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/6 fid-dawl tal-objettivi tal-istess direttiva li timponi lill-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw li tali użu effettivament ikopri n-natura indebita li

80 — Ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Rubach (C-344/08, Ġabra p. I-7033, punti 31 sa 33).

81 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Phillips vs Ir-Renju Unit, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43 u Grayson u Barnham vs Ir-Renju Unit, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49.

82 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 72.

83 — Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2003, dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 367).

84 — Punt 44.

din id-direttiva għandha l-għan li tipprojbixxi f'isem l-integrità tas-swieq finanzjarji u tal-fiduċja tal-investituri [85]: sakemm din-natura indebita ma tistax tkun stabbilita, peress li l-użu li jkun sar mill-informazzjoni minn ġewwa ma jmurx kontra l-għan aħħari tad-Direttiva [86], l-elementi kostituttivi tar-reat tal-informazzjoni minn ġewwa ma reġgħux ingħaqdu u għalhekk, l-element psikoloġiku ta' dan il-ksur ma jistax ikun preżunt. Fi kliem ieħor, l-obbligu impost mill-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu analiżi ddettaljata taċ-ċirkustanzi tal-fatti tal-operazzjoni ma jirrigwardax is-suġġett tal-preżunzjoni, jiġifieri, l-intenzjoni, iżda biss l-elementi materjali tal-ksur li tirriżulta minnu din l-intenzjoni. Is-sentenza Spector Photo Group għalhekk, bl-ebda mod ma ssaħħaħ it-teżi tar-rikorrenti, li tgħid li l-preżunzjoni li fuqha qed tibbaża l-Kummissjoni biex timputahom bir-responsabbiltà tal-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha, kellha tkun sostnuta minn elementi ulterjuri ta' prova. Fi kwalunkwe każ, kif tenfasizza korrettement il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali fil-fatt eżaminat l-elementi kollha mressqa mir-rikorrenti biex tirrifjuta l-preżunzjoni applikata minnha.

67. Fir-rigward tal-kumplament, l-argumenti invokati mir-rikorrenti fil-kuntest tal-ilment li qed ikun analizzat jerġgħu jressqu xi argumenti diġà diskussi fil-kuntest tal-analiżi tat-tielet aggravju. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li nosservaw li għall-kuntrarju ta' dak li qed tafferma r-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali ma stabbilixxiet l-ebda "standard ta' prova" meta ċaħdet ir-rilevanza jew is-suffiċjenza tal-elementi ta' prova mressqa mir-rikorrenti iżda analizzat dawn l-elementi meqjusa individwalment u kollha flimkien (punti 160 sa 173 tas-sentenza appellata). Jekk immorru lil hinn mill-analiżi, nirriskjaw li nerġgħu ndaħħlu fil-kwistjoni l-evalwazzjoni tal-provi li għamlet il-qorti fl-ewwel istanza, fin-nuqqas ta' elementi invokati mir-rikorrenti b'sostenn għall-iżnaturament eventwali tagħhom.

b) Fuq it-tieni parti

68. Permezz tat-tieni parti tal-ħames aggravju tagħha, ir-rikorrenti tinnota li l-Qorti Ġenerali, billi tilleġittima r-rikors għall-preżunzjoni li fuqha qed tibbaża ruħha l-Kummissjoni, qed tmur kontra, bi ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-prinċipju ta' awtonomija tal-persuna legali, wieħed mis-sisien tad-dritt tal-kumpanniji tal-Istati Membri. Din iċċaħħad lill-persuna legali mid-drittijiet tagħha tad-difiża, mid-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza u mid-dritt għar-rispett tal-prinċipju ta' individwalità tal-pieni.

69. F'dan ir-rigward, nosserva li għall-kuntrarju ta' dak li qed tafferma r-rikorrenti, il-preżunzjoni li abbaži tagħha din kienet rikonoxxuta responsabbli għall-ksur

85 — Ara l-punt 55.
86 — Ara l-punt 61.

imwettaq mis-sussidjarja tagħha Atofina, ma tmurx kontra l-prinċipju ta' awtonomija tal-persuni legali fi ħdan grupp ta' kumpanniji, kif rikonoxxut fid-dritt Franċiż. Fil-fatt, kif rajna iktar 'il fuq, is-suġġett ta' din il-preżunzjoni huwa l-eżerċitar ta' influwenza determinanti tal-kumpannija parent fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarja, li huwa possibbli mill-eżistenza ta' parteċipazzjoni totali jew kważi totali tal-ewwel fil-kapital tat-tieni, u li minnu tirriżulta, sakemm ikun hemm prova kuntrarja, in-natura effikaċi. Għalhekk, il-preżunzjoni kkonċernata ma taffettwax il-prinċipju ta' awtonomija tal-persuni legali iżda, jekk ikun il-każ, l-idea li meta din l-influwenza tkun aċċertata, permezz ta' evalwazzjoni ġenerali jew le, il-kumpannija parent u s-sussidjarja jikkostitwixxu unità ekonomika, u għalhekk impriża unika, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat. Din l-interpretazzjoni li ilha żmien twil teżisti fil-ġurisprudenza tal-Unjoni [87], ippermettiet, kif ninnota, li l-kunċett ta' impriża jkun estiż, kunċett li huwa bbażat fuq dawn id-dispożizzjonijiet, anki għal suġġetti li ma jintervjenux direttament fis-suq u li tkun imposta multa fuqhom avolja ma jkunux involuti direttament fil-ksur. Fl-isfond ta' dan, anki din l-interpretazzjoni ma tidhirx inkompatibbli mal-prinċipju invokat mir-rikorrenti.

70. L-ewwel nett, il-konklużjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni, li skontha l-kumpannija parent teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarja, kif ukoll l-azzjonijiet ta' din tal-aħħar fuq is-suq, ma jistgħux ikunu meqjusa — meta din il-konklużjoni sempliċement dedotta abbażi tar-rabtiet kapitalistiċi eżistenti bejn iż-żewġ suġġetti minflok imsaħħa b'elementi speċifiċi ta' prova — ma terġax tinvolvi fil-kwistjoni l-awtonomija legali ta' dawn is-suġġetti, fil-limitu li fih, kif rajna, dawn jitqiesu distinti kemm f'dak li jirrigwarda l-eżerċitar tad-drittijiet ta' difiża tagħhom (bidu tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, possibbiltà li jkunu ppreżentati osservazzjonijiet, smigħ, dritt għal rikors ġurisdizzjonali), kif ukoll għall-iffissar tal-multa. F'dan ir-rigward, għall-kuntrarju ta' dak affermat mir-rikorrenti, ir-responsabbiltà tal-kumpannija parent għall-azzjonijiet tas-sussidjarji tikkostitwixxi ipoteżi ta' responsabbiltà oġġettiva għall-ħsara kkawżata minn terzi, iżda hija bbażata fuq l-eżistenza preżunta jew ippruvata, ta' ndħil minn tal-ewwel fid-definizzjoni tal-orjentamenti tal-politika kummerċjali tat-tieni u tal-azzjonijiet ta' din tal-aħħar fis-suq [88]. It-tieni nett, il-prinċipju ta' awtonomija tal-persuni legali fi ħdan grupp, lanqas fid-dritt Franċiż, ma jista' jkun derogat, fejn jiġi aċċettat, f'sitwazzjonijiet determinati bħal, pereżempju, il-konfużjoni tal-patrimonji u

87 — Ara, pereżempju, il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 58 u 59 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Akzo Nobel, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 59.

88 — F'dan is-sens, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Akzo Nobel, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 59, punt 77.

f'setturi speċifiċi, b'mod partikolari, id-dritt fiskali u tal-kontabbiltà, il-koeżistenza tiegħu mal-idea tal-unità ekonomika tal-grupp [89].

71. Fil-kuntest tal-ilment inkwistjoni, Elf Aquitaine issostni, barra minn hekk, li filwaqt li tafferma li l-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tipproduċi provi dwar in-nuqqas ta' awtonomija fis-suq ta' Atofina, il-Qorti Ġenerali kkontradixxiet ġurisprudenza stabbilita li titlob għall-inqas rabta bejn il-preżunzjoni u s-suġġett tal-ftehim jew tas-suq rilevanti. F'dan ir-rigward, nerġa' nagħmel riferiment kif diġà għamilt fil-paragrafu 56 għas-sentenza Akzo Nobel tal-Qorti tal-Ġustizzja u għall-interpretazzjoni li din tat lill-ġurisprudenza preċedenti.

72. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti, it-tieni parti tal-ħames aggravju għandu, fl-opinjoni tiegħi, jiġi miċħud minħabba li hu bla bażi.

c) Fuq it-tielet parti

73. Skont ir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet setgħa diskrezzjonali lill-Kummissjoni fl-imputazzjoni tal-kumpannija parent għall-ksur imwettaq mis-sussidjarji. Din is-setgħa diskrezzjonali hija ta' detriment għall-prinċipji ta' legalità u ta' ċertezza tad-dritt. Il-prattika tal-Kummissjoni f'din il-kwistjoni mhux koerenti u din l-inkoerenza tirriżulta mill-fatt li r-rikorrenti tqieset responsabbli għall-azzjonijiet tas-sussidjarja Atofina fil-kawża inkwistjoni u mhux fi proċedura ta' ksur preċedenti.

74. Jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 105 tas-sentenza appellata li l-Qorti Ġenerali eskludiet li s-setgħa diskrezzjonali mitluba mill-Kummissjoni fil-punt 260 tad-Deċiżjoni jirrigwarda l-imputabbiltà tal-kumpannija bir-responsabbiltà għall-ksur imwettaq minn kumpannija oħra. Skont dak affermat mill-Qorti Ġenerali f'dan il-punt, l-istess Kummissjoni ċċarat, waqt is-seduta u fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li din is-setgħa diskrezzjonali tikkonċerna biss id-deċiżjoni jekk ikunux sanzjonati jew le l-kumpanniji kollha appartenenti ta' grupp, ladarba tkun aċċertata l-eżistenza tal-kundizzjonijiet għall-imputabbiltà ta' kull waħda minnhom. Għalhekk, dan l-ilment jirriżulta bla bażi u konsegwentement għandu jiġi miċħud.

d) Fuq ir-raba' parti

75. Permezz tar-raba' lment tal-ħames aggravju, ir-rikorrenti fl-aħħar nett qed tilmenta dwar il-ksur tal-prinċipju ta'

89 — Fuq il-limiti ta' dan il-prinċipju, ara, *inter alia*, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Warner fil-kawża Commercial Solvents, li wasslet għas-sentenza tas-6 ta' Marzu 1974, Istituto Chemioterapico Italiano u Commercial Solvents vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda 6/73 u 7/73, Ġabra p. 223).

ugwaljanza. L-ilment huwa dirett kontra l-punt 175 tas-sentenza appellata, li fih, il-Qorti Ġenerali kkonvalidat it-trattament differenti mogħti mill-Kummissjoni lir-rikorrenti — li għall-imputazzjoni ta' din tal-aħħar, analizzat biss ir-rabta kapitalistika ma' Atofina — u lill-kumpanniji parent l-oħra involuti fil-ftehim, b'mod partikolari dawk tal-grupp Akzo Nobel u Clariant, li għalihom, għall-kuntrarju, l-istituzzjoni konvenuta forniet provi ulterjuri dwar in-nuqqas ta' awtonomija tas-sussidjarji rispettivi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li fil-każ ta' din il-kumpannija, hija tiddisponi minn dawn il-provi u li għalhekk semmiethom diversi drabi fid-Deċiżjoni. Jiena nikkunsidra li dan is-sempliċi fatt ma jippermettix, fih innifsu, li jiġi kkonstatat ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, anki r-raba' parti tal-ħames aggravju għandha tiġi miċħuda.

e) Konklużjonijiet fuq il-ħames aggravju

76. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha nsostni li l-ħames aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

6. Fuq is-sitt aggravju

77. Permezz tas-sitt aggravju mressaq sussidjarjament, ir-rikorrenti tinnota li l-iżbalji ta' dritt u l-ksur tad-dritt tal-Unjoni li jivvizzjaw is-sentenza appellata, għandhom għall-inqas iwasslu għall-annullament tal-multa jew it-tnaqqis tagħha. Għalhekk, abbażi tal-analiżi preċedenti, nikkonkludi li l-ilmenti kollha mressqa mir-rikorrenti huma bla bażi, u nsostni li dan l-aggravju, anki lil hinn min-nuqqas ta' kjarezza tal-formulazzjoni tiegħu, evidenzjata mill-Kummissjoni, għandu fi kwalunkwe każ jiġi miċħud fil-mertu. Fir-replika, ir-rikorrenti, barra minn hekk, issemmi, fil-kuntest ta' dan l-aggravju, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità tal-pieni. Apparti d-dubji tal-ammissibbiltà li jqajjem dan l-ilment, b'mod partikolari minħabba n-natura tardiva tiegħu [90], insostni li l-elementi mressqa mir-rikorrenti, b'mod partikolari l-fatt li ma

90 — Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, li fuqu r-rikorrenti tibbaża dan l-ilment, seħħ, anki jekk bi ftit, qabel il-preżentata ta' dan l-appell. Ninnota, barra minn hekk, li l-ebda aggravju jew argument dwar allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità ma kien invokat mir-rikorrenti fl-ewwel istanza. Kif tenfasizza korrettement il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja vverifikaw ir-rispett għal dan il-prinċipju fil-qasam tal-multi anki qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona. L-ammissibbiltà tal-ilment inkwisjoni hija għalhekk dubjuża minħabba li huwa aggravju mressaq quddiem il-ġustizzja għall-ewwel darba fil-fażi tal-appell (ara, fl-aħħar nett, is-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni (C-413/08 P, Ġabra p. I-5361, punt 52).

pparteċipatx fil-ksur, li ma kinitx taf u li ma setgħet tieħu l-ebda vantaġġ jekk ma toperax direttament fis-suq inkwistjoni, jillimitaw ruħhom għal affermazzjonijiet ġeneriċi — għal darb'oħra diretti essenzjalment biex jerġgħu jdaħħlu fid-diskussjoni l-leġittimità tal-elementi li fuqhom huwa bbażat l-appell tar-rikorrenti — li ma jippermettux li tkun ikkontestata serjament il-proporzjonalità tal-multa imposta mill-Kummissjoni.

78. Sa fejn, fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti qed titlob l-eżerċitar minn naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-kompetenza sħiħa tagħha skont l-Artikolu 261 TFUE, infakkar li abbażi ta' ġurisprudenza kkonsolidata, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tissostitwixxi, meta tippronunzja ruħha dwar kwistjonijiet ta' dritt fil-kuntest ta' appell minħabba raġunijiet ta' ugwaljanza, l-evalwazzjoni tagħha b'dik tal-Qorti Ġenerali li tistabbilixxi, fl-eżerċitar tal-kompetenza ġurisdizzjonali sħiħa tagħha, l-ammont tal-multa imposta fuq l-impriżi minħabba ksur minn dawn tal-aħħar tad-dritt Komunitarju [91]. Barra minn dan, ir-rikorrenti ma kkontestatx il-legalità tal-kundizzjonijiet li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ssuġġettat l-eżerċizzju (jew in-nuqqas ta' eżerċizzju) tal-kompetenza ġurisdizzjonali sħiħa tagħha [92].

79. Għalhekk, anki s-sitt aggravju mressaq sussidjarjament, fl-opinjoni tiegħi, għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

B — *Fuq l-ispejjeż*

80. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Għaldaqstant, billi nissuġġerixxi li l-appell jiġi miċħud u billi l-Kummissjoni talbet għall-kundanna tar-rikorrenti għall-ispejjeż, insostni li din tal-aħħar għandha tkun ikkundannata għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

91 — Ara fost l-oħrajn, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1997, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-219/95 P, Ġabra p. I-4411, punt 31); tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punt 129) u Technische Unie vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 210).

92 — Hekk kif jiena diġà sostnejt iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52, f'din il-kawża l-Qorti Ġenerali sostniet li r-rikorrenti ma ressqitx elementi li jippermettulha li terġa' tiddiskuti l-ammont tal-multa imposta fuq il-kumpannija billi teżerċita l-poter ġurisdizzjonali sħiħ tagħha. (punt 242 tas-sentenza appellata).

III — Konklużjonijiet

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.